***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli – Inbid – Regolament (UE) Nru 1308/2013 – Regoli dwar il-kummerċjalizzazzjoni – Artikolu 80 – Prattiki enoloġiċi – Projbizzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni – Artikolu 90 – Importazzjonijiet ta' nbid – Regolament (KE) Nru 555/2008 – Artikolu 43 – Dokument V I 1 – Ċertifikat ta' tħejjija ta' lottijiet ta' nbid skont il-prattiki enoloġiċi rrakkomandati jew awtorizzati – Valur probatorju – Regolament (UE) Nru 1306/2013 – Artikolu 89(4) – Sanzjonijiet – Kummerċjalizzazzjoni ta' nbid li ġej minn pajjiż terz – Inbid żviluppat skont prattiki enoloġiċi mhux awtorizzati – Eżenzjoni mir-responsabbiltà – Oneru tal-prova)***

(2022/C 237/05)

*Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek*

**Qorti tar-rinviju**

Krajský soud v Brně

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Vinařství U Kapličky s.r.o.

*Konvenut:* Státní zemědělská a potravinářská inspekce

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 80(2)(a) u (c) kif ukoll l-Artikolu 90(3)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ċ-ċertifikat li jinsab f'dokument V I 1 stabbilit għal lott ta' nbid importat fl-Unjoni abbażi tal-Artikolu 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 555/2008 tas-27 ta' Ġunju 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid fir-rigward ta' programmi ta' appoġġ, kummerċ ma' pajjiżi terzi, potenzjal tal-produzzjoni u kontrolli fis-settur tal-inbid, li jipprovdi li dan il-lott ġie żviluppat konformement mal-prattiki enoloġiċi rrakkomandati u ppubblikati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dwieli u tal-Inbejjed jew awtorizzati mill-Unjoni, huwa rilevanti sabiex tiġi evalwata l-konformità tal-imsemmi lott għall-prattiki enoloġiċi msemmija fl-Artikolu 80(2)(a) u (c) tar-Regolament Nru 1308/2013, madankollu mingħajr ma tkun suffiċjenti biex tistabbilixxi, hija waħedha, din il-konformità.

2) L-Artikolu 89(4) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008, moqri flimkien mal-Artikolu 64(2)(d) ta' dan ir-regolament u mal-Artikolu 80(2) tar-Regolament Nru 1308/2013, għandu jiġi interpretat fis-sens li dan jippreskludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprevedi li, meta persuna li tikkummerċjalizza, f'dan l-Istat Membru, lott ta' nbid importat minn pajjiż terz li ma jkunx konformi mal-prattiki

enoloġiċi msemmija fl-Artikolu 80(2)(a) jew (c) tar-Regolament Nru 1308/2013, tipproduċi dokument V I 1 stabbilit għal dan il-lott u li jiċċertifika li dan tal-aħħar ġie ppreparat skont prattiki enoloġiċi rrakkomandati u ppubblikati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dwieli u tal-Inbejjed jew awtorizzati mill-Unjoni, l-oneru tal-prova tal-eżistenza ta' nuqqas ta' dan il-kummerċjant għal ksur tal-projbizzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni prevista fl-Artikolu 80 (2) tar-Regolament Nru 1308/2013 jaqa' fuq l-awtoritajiet kompetenti tal-imsemmi Stat Membru.

(1) ĠU C 137, 27.04.2020.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (it-Tielet Awla) tat-28 ta' April 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Hoge Raad der Nederlanden – il-Pajjiżi l-Baxxi) – Federatie Nederlandse Vakbeweging vs Heiploeg Seafood International BV, Heitrans International BV**

**(Kawża C-237/20)** (1)

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2001/23/KEE – Artikoli 3 sa 5 – Trasferimenti ta' impriżi – Żamma tad-drittijiet tal-ħaddiema – Eċċezzjonijiet – Proċedura ta' insolvenza – "pre-pack" – Sopravivenza ta' impriża – Trasferiment ta' (parti minn) impriża wara dikjarazzjoni ta' falliment ippreċeduta minn pre-pack)***

(2022/C 237/06)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Hoge Raad der Nederlanden

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Federatie Nederlandse Vakbeweging

*Konvenuti:* Heiploeg Seafood International BV, Heitrans International BV

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 5(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE tat-12 ta' Marzu 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet ta' l-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kundizzjoni li huwa jipprevedi, skont liema l-Artikoli 3 u 4 ta' din id-direttiva ma japplikawx għat-trasferiment ta' impriża meta ċ-ċedent ikun is-suġġett ta' proċedura ta' falliment jew ta' proċedura ta' insolvenza analoga "li kien[et] istitwit[a] bl-iskop tal-likwidazzjoni ta' l-assi ta' min qed jagħmel it-trasferiment", hija ssodisfatta meta t-trasferiment tal-impriża kollha jew parti minnha huwa ppreparat, qabel il-ftuħ ta' proċedura ta' falliment intiża għall-likwidazzjoni tal-assi taċ-ċedent u li matulha l-imsemmi trasferiment jitwettaq, fil-kuntest ta' proċedura ta' pre-pack li għandha bħala għan prinċipali li tippermetti, fi proċedura ta' falliment, likwidazzjoni tal-impriża avvjata sabiex il-kredituri kollha jiġu ssodisfatti bl-aħjar mod u sabiex kemm jista' jkun jinżamm l-impjieg, suġġett għall-fatt li tali proċedura ta' pre-pack tkun irregolata minn dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew regolatorji.

2) L-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2001/23 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kundizzjoni li huwa jipprevedi, skont liema l-Artikoli 3 u 4 ta' din id-direttiva ma japplikawx għat-trasferiment ta' impriża, ta' negozju jew ta' parti minn impriża jew ta' negozju meta l-proċedura ta' falliment jew proċedura ta' insolvenza analoga li għaliha jkun suġġett iċ-ċedent "[hija] taħt is-superviżjoni ta' awtorità pubblika kompetenti", hija ssodisfatta meta t-trasferiment ta' impriża kollha jew parti minnha huwa ppreparat, fil-kuntest ta' proċedura ta' pre-pack qabel id-dikjarazzjoni ta' falliment, minn "kuratur prospettiv", imqiegħed taħt il-kontroll ta' "imħallef superviżur prospettiv", u li l-ftehim dwar dan it-trasferiment jiġi konkluż u eżegwit wara d-dikjarazzjoni ta' falliment intiża għal-likwidazzjoni tal-beni taċ-ċedent, suġġett għall-fatt li tali proċedura ta' pre-pack tkun irregolata minn dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew regolatorji.

(1) ĠU C 297, 07.09.2020.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-28 ta’ April 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesgerichtshof – il-Ġermanja) – Meta Platforms Ireland Limited, li kienet Facebook Ireland Limited vs Bundesverband der Verbraucherzentralen und Verbraucherverbände – Verbraucherzentrale Bundesverband e.V.**

**(Kawża C-319/20)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni ta’ persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data personali – Regolament (UE) 2016/679 – Artikolu 80 – Rappreżentazzjoni tas-suġġetti tad-data minn assoċjazzjoni mingħajr skop ta’ lukru – Azzjoni rappreżentattiva mressqa minn assoċjazzjoni għall-ħarsien tal-interessi tal-konsumaturi fl-assenza ta’ mandat u indipendentement minn ksur ta’ drittijiet konkreti ta’ suġġett tad-data – Azzjoni bbażata fuq il-projbizzjoni ta’ prattiki kummerċjali żleali, fuq il-ksur ta’ liġi fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumaturi jew fuq il-projbizzjoni tal-użu ta’ kundizzjonijiet ġenerali invalidi)***

(2022/C 237/07)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesgerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Meta Platforms Ireland Limited, li kienet Facebook Ireland Limited

*Konvenut:* Bundesverband der Verbraucherzentralen und Verbraucherverbände – Verbraucherzentrale Bundesverband e.V.

**Dispożittiv**

L-Artikolu 80(2) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data personali u dwar il-moviment liberu ta’ tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti lil assoċjazzjoni għall-ħarsien tal-interessi tal-konsumaturi tressaq azzjoni legali, fl-assenza ta’ mandat mogħti lilha għal dan il-għan u indipendentement minn ksur ta’ drittijiet konkreti ta’ suġġetti tad-data, kontra l-allegat awtur ta’ preġudizzju għall-protezzjoni tad-data personali, billi tinvoka ksur tal-projbizzjoni ta’ prattiki kummerċjali żleali, ksur ta’ liġi fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumaturi jew ksur tal-projbizzjoni tal-użu ta’ kundizzjonijiet ġenerali invalidi f’sitwazzjoni fejn l-ipproċessar ta’ data kkonċernat jista’ jaffettwa d-drittijiet li persuni fiżiċi identifikati jew identifikabbli jisiltu minn dan ir-regolament.

([1]) ĠU C 359, 26.10.2020.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tas-26 ta' April 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Landesverwaltungsgericht Steiermark – l-Awstrija) – NW vs Landespolizeidirektion Steiermark (C-368/20), Bezirkshauptmannschaft Leibnitz (C-369/20)**

**(Kawżi Magħquda C-368/20 u C-369/20)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Moviment liberu tal-persuni – Regolament (UE) 2016/399 – Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen – Artikolu 25(4) – Introduzzjoni mill-ġdid temporanja tal-kontrolli fil-fruntieri interni fil-limitu ta' tul totali massimu ta' sitt xhur – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi diversi perijodi konsekuttivi ta' kontrolli li jwasslu għal qbiż ta' dan it-tul ta' żmien – Assenza ta' konformità ta' tali leġiżlazzjoni mal-Artikolu 25(4) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen fil-każ fejn il-perijodi suċċessivi jkunu bbażati fuq l-istess theddid jew theddida – Leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi li jiġi ppreżentat passaport jew karta tal-identità waqt il-kontroll fil-fruntiera interna taħt piena ta' sanzjoni – Assenza ta' konformità ta' tali obbligu mal-Artikolu 25(4) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen meta l-kontroll innifsu jkun kuntrarju għal din id-dispożizzjoni)***

(2022/C 237/08)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Landesverwaltungsgericht Steiermark

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* NW

*Konvenuti:* Landespolizeidirektion Steiermark (C-368/20), Bezirkshauptmannschaft Leibnitz (C-369/20)

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 25(4) tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen), kif emendat bir-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-introduzzjoni mill-ġdid temporanja minn Stat Membru tal-kontroll fil-fruntieri interni bbażata fuq l-Artikoli 25 u 27 ta' dan il-kodiċi, meta t-tul tiegħu jeċċedi t-tul totali massimu ta' sitt xhur, stabbilit f'dan l-Artikolu 25(4), u meta ma jkunx hemm theddida ġdida li tiġġustifika l-applikazzjoni mill-ġdid tal-perijodi previsti fl-imsemmi Artikolu 25.

2) L-Artikolu 25(4) tar-Regolament (UE) 2016/399, kif emendat bir-Regolament 2016/1624, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li permezz tagħha Stat Membru jobbliga, taħt piena ta' sanzjoni, lil persuna tippreżenta passaport jew karta tal-identità mad-dħul tagħha fit-territorju ta' dan l-Istat Membru minn fruntiera interna, meta l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontroll fil-fruntieri interni, li fil-kuntest tagħha dan l-obbligu huwa impost, hija kuntrarja għal din id-dispożizzjoni.

[1] ĠU C 348, 19.10.2020.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-28 ta' April 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Finanzgericht Hamburg – il-Ġermanja) – Gräfendorfer Geflügel- und Tiefkühlfeinkost Produktions GmbH (C-415/20), F. Reyher Nchfg. GmbH & Co. KG vertr. d. d. Komplementärin Verwaltungsgesellschaft F. Reyher Nchfg. mbH (C-419/20), Flexi Montagetechnik GmbH & Co. KG vs Hauptzollamt Hamburg (C-415/20 u C-419/20), Hauptzollamt Kiel (C-427/20)**

**(Kawżi Magħquda C-415/20, C-419/20 u C-427/20)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Unjoni doganali – Drittijiet għar-rimbors jew għall-ħlas ta' somom ta' flus miġbura jew irrifjutati minn Stat Membru bi ksur tad-dritt tal-Unjoni – Dazji antidumping, dazji fuq l-importazzjoni, ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni u sanzjonijiet pekunjarji – Kunċett ta' "ksur tad-dritt tal-Unjoni" – Interpretazzjoni jew applikazzjoni żbaljata ta' dan id-dritt – Konstatazzjoni tal-eżistenza ta' ksur tal-imsemmi dritt minn qorti tal-Unjoni jew minn qorti nazzjonali – Dritt għall-ħlas ta' interessi – Perijodu kopert minn dan il-ħlas ta' interessi)***

(2022/C 237/09)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Finanzgericht Hamburg

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Gräfendorfer Geflügel- und Tiefkühlfeinkost Produktions GmbH (C-415/20), F. Reyher Nchfg. GmbH & Co. KG vertr. d. d. Komplementärin Verwaltungsgesellschaft F. Reyher Nchfg. mbH (C-419/20), Flexi Montagetechnik GmbH & Co. KG

*Konvenuti:* Hauptzollamt Hamburg (C-415/20 u C-419/20), Hauptzollamt Kiel (C-427/20)

**Dispożittiv**

Il-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni dwar id-drittijiet tal-individwi li jkunu suġġetti għal miżuri amministrattivi li jiksbu r-rimbors tas-somom ta' flus li l-ħlas tagħhom ġie impost fuqhom minn Stat Membru bi ksur tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll il-ħlas ta' interessi fuq dawn is-somom ta' flus għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

— l-ewwel, dawn japplikaw fl-ipoteżi fejn is-somom ta' flus inkwistjoni jikkorrispondu, minn naħa, għal ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni li ngħataw tard lil persuna li tkun suġġetta għal miżuri amministrattivi, wara li jkunu ġew irrifjutati lilha bi ksur ta' dan id-dritt, u, min-naħa l-oħra, għal sanzjoni pekunjarja li ġiet imposta fuq din il-persuna li tkun suġġetta għal miżuri amministrattivi minħabba dan il-ksur;

— it-tieni, dawn japplikaw meta minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jew minn deċiżjoni ta' qorti nazzjonali jirriżulta li l-ħlas tal-ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni, ta' sanzjoni pekunjarja, ta' dazji antidumping jew ta' dazji fuq l-importazzjoni, skont il-każ, ġie rrifjutat jew impost minn awtorità nazzjonali abbażi jew ta' interpretazzjoni żbaljata tad-dritt tal-Unjoni, jew ta' applikazzjoni żbaljata ta' dan id-dritt, u

— it-tielet, dawn jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li, meta l-ħlas ta' ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni, ta' sanzjoni pekunjarja, ta' dazji antidumping jew ta' dazji fuq l-importazzjoni jkun ġie, skont il-każ, irrifjutat jew impost bi ksur tad-dritt tal-Unjoni, il-ħlas ta' interessi jista' jsir biss għall-perijodu mid-data tal-preżentata tal-azzjoni ġudizzjarja intiża sabiex jinkiseb il-ħlas jew ir-rimbors tas-somma flus inkwistjoni fid-data tad-deċiżjoni mogħtija mill-qorti kompetenti, bl-esklużjoni tal-perijodu preċedenti. Min-naħa l-oħra, dawn ma jipprekludux, fihom infushom, li tali leġiżlazzjoni tipprevedi li l-imsemmi ħlas ikun dovut biss jekk tali azzjoni tkun ġiet ippreżentata, sakemm dan ma jwassalx sabiex jirrendi eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet li l-persuni li jkunu suġġetti għal miżuri amministrattivi jisiltu mid-dritt tal-Unjoni.

(1) ĠU C 432, 7.12.2020.
ĠU C 414, 30.11.2020.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-28 ta' April 2022 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Bulgarija**

**(Kawża C-510/20)** ([1])

***(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Artikolu 258 TFUE – Ambjent – Direttiva 2008/56/KE – Politika għall-ambjent marin – Artikolu 5 – Strateġiji marini – Artikolu 17(2) u (3) – Assenza ta' reviżjoni, fit-termini, tal-evalwazzjoni inizjali u tad-determinazzjoni ta' status ambjentali tajjeb kif ukoll tal-miri ambjentali – Assenza ta' komunikazzjoni lill-Kummissjoni Ewropea, fit-termini, tal-modalitajiet tal-aġġornamenti mwettqa wara reviżjonijiet)***

(2022/C 237/10)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: O. Beynet u I. Zaloguin, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Repubblika tal-Bulgarija (rappreżentanti: T. Mitova, L. Zaharieva u T. Tsingileva, aġenti)

**Dispożittiv**

1) Billi naqset milli twettaq, fit-termini preskritti, minn naħa, ir-reviżjoni b'mod ikkoordinat, kif huwa speċifikat fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika ta' l-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina), tal-evalwazzjoni inizjali u tad-determinazzjoni ta' status ambjentali tajjeb kif ukoll tal-miri ambjentali u, min-naħa l-oħra, il-komunikazzjoni lill-Kummissjoni tal-modalitajiet tal-aġġornamenti mwettqa wara dawn ir-reviżjonijiet, ir-Repubblika tal-Bulgarija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 17(2)(a) u (b) kif ukoll taħt l-Artikolu 17(3) ta' din id-direttiva.

2) Ir-Repubblika tal-Bulgarija hija kkundannata għall-ispejjeż.

([1]) ĠU C 433, 14.12.2020.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tat-28 ta' April 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesgerichtshof – il-Ġermanja) – NovaText GmbH vs Ruprecht-Karls-Universität Heidelberg**

**(Kawża C-531/20)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Drittijiet tal-proprjetà intellettwali – Direttiva 2004/48/KE – Artikolu 3 – Obbligu ġenerali relatat mal-miżuri, mal-proċeduri u mar-rimedji neċessarji sabiex jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali – Artikolu 14 – Kunċett ta' "spejjeż legali raġonevoli u proporzjonati" – Konsulent fil-qasam tal-proprjetà intellettwali – Assenza ta' possibbiltà ta' evalwazzjoni, mill-qorti nazzjonali, tan-natura raġonevoli u proporzjonata tal-ispejjeż imposti fuq il-parti li tilfet)***

(2022/C 237/11)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesgerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* NovaText GmbH

*Konvenut:* Ruprecht-Karls-Universität Heidelberg

**Dispożittiv**

L-Artikoli 3 u 14 tad-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali jew interpretazzjoni tagħha li ma tippermettix lill-qorti adita bi proċedura li taqa' taħt din id-direttiva milli tieħu debitament inkunsiderazzjoni, f'kull każ ippreżentat quddiemha, karatteristiċi speċifiċi ta' dan il-każ għall-finijiet li jiġi evalwat jekk l-ispejjeż legali sostnuti mill-parti rebbieħa humiex raġonevoli u proporzjonati.

(1) ĠU C 28, 25.1.2021.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tat-28 ta' April 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Landgericht Saarbrücken – il-Ġermanja) – Koch Media GmbH vs FU**

**(Kawża C-559/20)** (1)

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Drittijiet tal-proprjetà intellettwali – Direttiva 2004/48/KE – Artikolu 14 – Kunċetti ta' "spejjeż legali" u ta' "spejjeż oħra" – Intimazzjoni sabiex jiġi żgurat ir-rispett ta' dritt tal-proprjetà intellettwali permezz ta' mezzi ekstraġudizzjarji – Onorarji tal-avukat – Klassifikazzjoni – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tillimita l-ammont li jista' jingħabar ta' dawn l-ispejjeż taħt ċerti kundizzjonijiet)***

(2022/C 237/12)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Landgericht Saarbrücken

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Koch Media GmbH

*Konvenut:* FU

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 14 tad-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-ispejjeż sostnuti minn detentur ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali għar-rappreżentanza tiegħu minn konsulent sabiex jiżgura r-rispett ta' dawn id-drittijiet permezz ta' mezzi ekstraġudizzjarji, bħalma huma l-ispejjeż marbuta ma' intimazzjoni, jaqgħu taħt il-kunċett ta' "spejjeż oħra", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

2) L-Artikolu 14 tad-Direttiva 2004/48 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li, f'sitwazzjoni fejn ksur ta' dritt tal-proprjetà intellettwali jkun twettaq minn persuna fiżika 'l barra mill-kuntest tal-attività professjonali jew kummerċjali tagħha, ir-rimbors tal-"ispejjeż l-oħra", imsemmija f'din id-dispożizzjoni, li d-detentur ta' dan id-dritt jista' jitlob, huwa kkalkolat b'rata fissa, abbażi ta' valur tat-tilwima limitat minn din il-leġiżlazzjoni, sakemm il-qorti nazzjonali ma tqisx li, fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi tal-każ ineżami li huwa assenjat lilha, l-applikazzjoni ta' tali limitazzjoni hija kuntrarja għall-ekwità.

(1) ĠU C 35, 1.2.2021.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tat-28 ta' April 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunalul Cluj – ir-Rumanija) – Happy Education SRL vs Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Cluj-Napoca, Administrația Județeană a Finanțelor Publice Cluj**

**(Kawża C-612/20)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Artikolu 132(1)(i) – Eżenzjonijiet favur ċerti attivitajiet ta' interess ġenerali – Eżenzjonijiet marbuta mal-edukazzjoni tat-tfal jew taż-żgħażagħ, mat-tagħlim skolastiku jew universitarju – Provvista ta' servizzi edukattivi komplimentari għall-programm skolastiku – Organu rregolat mid-dritt privat li jipprovdi dawn is-servizzi għal finijiet kummerċjali)***

(2022/C 237/13)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunalul Cluj

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Happy Education SRL

*Konvenut:* Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Cluj-Napoca, Administrația Județeană a Finanțelor Publice Cluj

**Dispożittiv**

L-Artikolu 132(1)(i) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li taqa' taħt il-kunċett ta' "organizzazzjoni li għandha skopijiet simili" għal dawk ta' organu rregolat mid-dritt pubbliku għall-edukazzjoni, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, entità privata li teżerċita attivitajiet ta' tagħlim ta' interess ġenerali li jikkonsistu, b'mod partikolari, fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet komplementari għall-programm skolastiku, bħalma huma korsijiet ta' sostenn għax-xogħol tad-dar, programmi edukattivi, korsijiet ta' lingwi barranin u li kisbet awtorizzazzjoni mill-Uffiċċju Nazzjonali tar-Reġistru tal-Kummerċ, fil-forma tal-għoti tal-Kodiċi CAEN 8559 – "Forom oħra edukattivi", fis-sens tal-Klassifikazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi nazzjonali, meta din l-impriża ma kinitx tissoddisfa, fi kwalunkwe każ, il-kundizzjonijiet previsti mid-dritt nazzjonali sabiex tkun tista' tibbenefika minn dan ir-rikonoxximent.

([1]) ĠU C 53, 15.2.2021

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-28 ta' April 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Högsta förvaltningsdomstolen – l-Isvezja) – Skatteverket vs DSAB Destination Stockholm AB**

**(Kawża C-637/20)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2006/112/KE – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud – Artikolu 30a(1) – Kunċett ta' "vawċer" – Artikolu 30a(3) – Kunċett ta' "vawċer b'użi multipli" – Bejgħ ta' karta li tagħti lid-detentur tagħha d-dritt li jibbenefika minn diversi provvisti ta' servizzi turistiċi għal perijodu limitat)***

(2022/C 237/14)

*Lingwa tal-kawża: l-Isvediż*

**Qorti tar-rinviju**

Högsta förvaltningsdomstolen

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Skatteverket

*Konvenut:* DSAB Destination Stockholm AB

**Dispożittiv**

L-Artikolu 30a tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1065 tas-27 ta' Ġunju 2016, għandu jiġi interpretat fis-sens li strument li jagħti lid-detentur tiegħu d-dritt li jibbenefika minn diversi servizzi f'post partikolari, matul perijodu limitat u sa ċertu ammont, jistax jikkostitwixxi "vawċer", fis-sens tal-Artikolu 30a(1) ta' din id-direttiva, anki jekk, minħabba t-tul ta' validità limitata ta' dan l-istrument, konsumatur medju ma jistax jibbenefika mis-servizzi kollha proposti. L-imsemmi strument jikkostitwixxi "vawċer b'użi multipli", fis-sens tal-Artikolu 30a(3) tal-imsemmija direttiva, peress li t-taxxa fuq il-valur miżjud dovuta fuq dawn is-servizzi ma hijiex magħrufa fil-mument tal-ħruġ tiegħu.

---

([1]) ĠU C 53, 15.2.2021.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tat-28 ta' April 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Consiglio di Giustizia amministrativa per la Regione siciliana – l-Italja) – Caruter s.r.l. vs S.R. R. Messina Provincia SCpA. *et***

**(Kawża C-642/20)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2014/24/UE – Għoti ta' kuntratti pubbliċi – Artikolu 63 – Użu minn grupp ta' operaturi ekonomiċi tal-kapaċitajiet ta' entitajiet oħra – Possibbiltà għall-awtorità kontraenti li teżiġi li ċerti kompiti essenzjali jitwettqu minn parteċipant f'dan il-grupp – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-impriża mandatarja għandha tissodisfa l-kriterji u twettaq il-maġġoranza tas-servizzi tagħha)***

(2022/C 237/15)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Consiglio di Giustizia amministrativa per la Regione siciliana

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Caruter s.r.l.

*Konvenuti:* S.R.R. Messina Provincia SCpA, Comune di Basicò, Comune di Falcone, Comune di Fondachelli Fantina, Comune di Gioiosa Marea, Comune di Librizzi, Comune di Mazzarrà Sant'Andrea, Comune di Montagnareale, Comune di Oliveri, Comune di Piraino, Comune di San Piero Patti, Comune di Sant'Angelo di Brolo, Regione Siciliana – Urega – Ufficio regionale espletamento gare d'appalti lavori pubblici Messina, Regione Siciliana – Assessorato regionale delle infrastrutture e della mobilità

*Fil-preżenza ta':* Ditta individuale Pippo Pizzo, Onofaro Antonino Srl, Gial Plast Srl, Colombo Biagio Srl,

**Dispożittiv**

L-Artikolu 63 tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-impriża mandatarja ta' grupp ta' operaturi ekonomiċi li jipparteċipaw fi proċedura għall-għoti ta' kuntratt pubbliku għandha tissodisfa l-kriterji previsti fl-avviż ta' kuntratt u teżegwixxi l-maġġoranza tas-servizzi ta' dan il-kuntratt.

---

([1]) ĠU C 79, 08.03.2021.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tas-27 ta' April 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Cour constitutionnelle – il-Belġju) – Airbnb Ireland UC vs Région de Bruxelles-Capitale**

**(Kawża C-674/20)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Suq intern – Artikolu 114(2) TFUE – Esklużjoni tad-dispożizzjonijiet fiskali des dispositions fiscales – Direttiva 2000/31/KE – Sevizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni – Kummerċ elettroniku – Portal telematiku ta' intermedjazzjoni immobiljari – Artikolu 1(5)(a) – Esklużjoni mill-qasam tat-tassazzjoni – Definizzjoni – Leġiżlazzjoni reġjonali dwar taxxa fuq l-istabbilimenti ta' akkomodazzjoni turistika – Dispożizzjoni li tobbliga lill-intermedjarji jikkomunikaw, fuq talba bil-miktub, ċerta data dwar l-operat ta' dawn l-istabbilimenti lill-amministrazzjoni fiskali bil-għan li jiġu identifikati l-persuni suġġetti għal din it-taxxa – Artikolu 56 TFUE – Assenza ta' diskriminazzjoni – Assenza ta' restrizzjoni)***

(2022/C 237/16)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Cour constitutionnelle

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Airbnb Ireland UC

*Konvenut:* Région de Bruxelles-Capitale

**Dispożittiv**

1) Dispożizzjoni ta' leġiżlazzjoni fiskali ta' Stat Membru li tobbliga lill-intermedjarji, għall-istabbilimenti ta' akkomodazzjoni turistika li jinsabu f'reġjun ta' dan l-Istat Membru li fir-rigward tagħhom dawn jaġixxu bħala intermedjarju jew imexxu politika ta' promozzjoni, li jikkomunikaw lill-amministrazzjoni fiskali reġjonali, fuq talba bil-miktub ta' din tal-aħħar, id-data dwar l-operatur u d-dettalji tal-istabbilimenti ta' akkomodazzjoni turistika kif ukoll in-numru ta' ljieli u ta' unitajiet ta' akkomodazzjoni operati matul is-sena li tkun għaddiet, għandha tiġi kkunsidrata bħala indissoċjabbli, fir-rigward tan-natura tagħha, mil-leġiżlazzjoni li minnha tagħmel parti u, għaldaqstant, taqa' taħt il-"qasam tat-tassazzjoni" li huwa espressament eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern ("Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku").

2) Leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tobbliga lill-fornituri ta' servizzi ta' intermedjazzjoni immobiljari, indipendentement mill-post ta' stabbiliment tagħhom u mill-mod kif huma jinteraġixxu, fir-rigward tal-istabbilimenti ta' akkomodazzjoni turistiċi li jinsabu f'reġjun tal-Istat Membru kkonċernat, li għalihom jaġixxu bħala intermedjarju jew imexxu politika ta' promozzjoni, li jikkomunikaw lill-amministrazzjoni fiskali reġjonali, fuq talba bil-miktub ta' din tal-aħħar, id-data tal-operatur u d-dettalji tal-istabbilimenti ta' akkomodazzjoni turistika kif ukoll in-numru ta' ljieli u ta' unitajiet ta' akkomodazzjoni operati matul is-sena li tkun għaddiet, ma tmurx kontra l-projbizzjoni magħmula mill-Artikolu 56 TFUE.

([1]) ĠU C 128, 12.4.2021.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-28 ta' April 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Landgericht München I – il-Ġermanja) – Phoenix Contact GmbH & Co. KG vs HARTING Deutschland GmbH & Co. KG, Harting Electric GmbH & Co. KG**

**(Kawża C-44/21)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proprjetà intellettwali – Direttiva 2004/48/KE – Artikolu 9(1) – Privattiva Ewropea – Miżuri provviżorji – Setgħa tal-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali li jagħtu mandat interlokutorju intiż li jipprevjeni kwalunkwe ksur imminenti ta' dritt ta' proprjetà intellettwali – Ġurisprudenza nazzjonali li tiċħad it-talbiet għal miżuri provviżorji meta l-validità tal-privattiva inkwistjoni ma tkunx ġiet ikkonfermata, tal-inqas, b'deċiżjoni tal-ewwel istanza mogħtija wara proċedimenti ta' oppożizzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' invalidità – Obbligu ta' interpretazzjoni konformi)***

(2022/C 237/17)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Landgericht München I

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Phoenix Contact GmbH RB Co. KG

*Konvenuti:* HARTING Deutschland GmbH & Co. KG, Harting Electric GmbH & Co. KG

**Dispożittiv**

L-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi ġurisprudenza nazzjonali li permezz tagħha talbiet għal miżuri provviżorji għal ksur ta' privattiva għandhom, bħala prinċipju, jiġu miċħuda, meta l-validità tal-privattiva inkwistjoni ma tkunx ġiet ikkonfermata, tal-inqas, permezz ta' deċiżjoni tal-ewwel istanza mogħtija wara proċedimenti ta' oppożizzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' invalidità.

[1] ĠU C 182, 10.5.2021.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-28 ta' April 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Augstākā tiesa (Senāts) – il-Latvja) – SIA "PRODEX" vs Valsts ieņēmumu dienests**

**(Kawża C-72/21)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Unjoni doganali – Tariffa doganali komuni – Nomenklatura Magħquda – Intestaturi tariffarji – Subintestatura 4418 20 – Portata – Bibien u ċ-ċaċċiżi, x-xambrelli u s-sollijiet tagħhom – Pannelli MDF u l-gwarniċi – Regola ġenerali 2(a), l-ewwel parti, għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda – Oġġett mhux komplut jew mhux mitmum – Kunċett)***

(2022/C 237/18)

*Lingwa tal-kawża: il-Latvjan*

**Qorti tar-rinviju**

Augstākā tiesa (Senāts)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* SIA "PRODEX"

*Konvenut:* Valsts ieņēmumu dienests

**Dispożittiv**

Is-subintestatura 4418 20 tan-Nomenklatura Magħquda, moqrija flimkien mal-ewwel parti tar-regola ġenerali 2 (a) għall-interpretazzjoni ta' din in-nomenklatura, li tinsab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana, fil-verżjoni tagħha li tirriżulta mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1001/2013 tal-4 ta' Ottubru 2013 għandha tiġi interpretata fis-sens li tkopri, bħala oġġetti distinti, merkanzija deskritta bħala pannelli u gwarniċi tal-injam, li l-profil u l-finitura dekorattiva tagħha jindikaw oġġettivament li huma intiżi għall-manifattura ta' ċaċċiżi, ta' xambrelli u ta' sollijiet ta' bibien, anki jekk inkompluti jew mhux lesti, bil-kundizzjoni li din il-merkanzija subiet xogħlijiet li jrenduha esklużivament utilizzabbli bħala tali u li tippreżenta b'hekk il-karatteristiċi sostanzjali ta' oġġetti lesti.

(1) ĠU C 138, 19.04.2021.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-28 ta' April 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Superior de Justicia de Castilla y León – Spanja) – Gerencia Regional de Salud de Castilla y León vs Delia**

**(Kawża C-86/21)** (1)

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Moviment liberu tal-ħaddiema – Artikolu 45 TFUE – Regolament (UE) Nru 492/2011 – Artikolu 7(2) – Ugwaljanza fit-trattament – Sistema nazzjonali ta' rikonoxximent tal-karriera professjonali tal-professjonisti tas-saħħa – Nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-esperjenza professjonali miksuba fi ħdan id-dipartimenti tas-saħħa ta' Stat Membru ieħor – Ostakolu)***

(2022/C 237/19)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Superior de Justicia de Castilla y León

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Gerencia Regional de Salud de Castilla y León

*Konvenut:* Delia

**Dispożittiv**

L-Artikolu 45 TFUE u l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali dwar ir-rikonoxximent tal-karriera professjonali fi ħdan id-dipartiment tas-saħħa ta' Stat Membru li tipprekludi t-teħid inkunsiderazzjoni, għall-anzjanità tal-ħaddiem, tal-esperjenza professjonali miksuba minn dan tal-aħħar f'dipartiment pubbliku tas-saħħa ta' Stat Membru ieħor, ħlief jekk ir-restrizzjoni fuq il-moviment liberu li timplika din il-leġiżlazzjoni tissodisfa għan ta' interess ġenerali, tkun tippermetti li jintlaħaq dan l-għan u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan tal-aħħar.

(1) ĠU C 189, 17.5.2021.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-28 ta' April 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas – il-Litwanja) – UAB "Romega" vs Valstybinė maisto ir veterinarijos tarnyba**

**(Kawża C-89/21)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Leġiżlazzjoni dwar l-ikel – Regolament (KE) Nru 2073/2005 – Kriterji mikrobijoloġiċi applikabbli għall-prodotti tal-ikel – Artikolu 1 – Anness I – Laħam frisk tat-tjur – Kontroll, mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, tal-preżenza tas-salmonelli elenkati fil-punt 1.28 tal-Kapitolu I ta' dan l-anness – Kontroll tal-preżenza ta' mikroorganiżmi patoġeniċi oħra – Regolament (KE) Nru 178/2002 – Artikolu 14(8) – Setgħa diskrezzjonali tal-awtoritajiet nazzjonali – Portata)***

(2022/C 237/20)

*Lingwa tal-kawża: il-Litwan*

**Qorti tar-rinviju**

Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* UAB "Romega"

*Konvenut:* Valstybinė maisto ir veterinarijos tarnyba

**Dispożittiv**

L-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar il-kriterji mikrobijoloġiċi applikabbli għall-prodotti tal-ikel, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1086/2011 tas-27 ta' Ottubru 2011, moqri flimkien mal-Artikolu 14(8) tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' tittratta bħala perikoluża, fis-sens tal-Artikolu 14(1) u (2) tar-Regolament Nru 178/2002, il-kategorija ta' prodotti tal-ikel li jikkonsistu f'laħam frisk tat-tjur li fih ikunu nstabu mikroorganiżmi patoġeniċi oħra minbarra s-serotipi ta' salmonella msemmija fil-punt 1.28 tal-Kapitolu I tal-Anness I tar-Regolament Nru 2073/2005, kif emendat bir-Regolament Nru 1086/2011.

([1]) ĠU C 163, 3.5.2021.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tat-28 ta' April 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Administrativen sad Veliko Tarnovo – il-Bulgarija) –"Nikopolis AD Istrum 2010" EOOD (C-160/21), "Agro – eko 2013" EOOD (C-217/21) vs Izpalnitelen direktor na Darzhaven fond "Zemedelie"**

**(Kawża magħquda C-160/21 u C-217/21)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika Agrikola Komuni – Skemi ta' appoġġ dirett – Regolament (UE) Nru 1306/2013 – Pagamenti lill-benefiċjarji – Artikolu 75 – Terminu għall-pagament – Osservanza – Assenza – Rifjut impliċitu tal-applikazzjoni għal għajnuna)***

(2022/C 237/21)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Qorti tar-rinviju**

Administrativen sad Veliko Tarnovo

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* "Nikopolis AD Istrum 2010" EOOD (C-160/21), "Agro – eko 2013" EOOD (C-217/21)

*Konvenut:* Izpalnitelen direktor na Darzhaven fond "Zemedelie"

**Dispożittiv**

L-Artikolu 75(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008, kif emendat permezz tar-Regolament (UE) 2017/2393 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2017, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-assenza ta' pagament, mill-aġenzija tal-pagamenti ta' Stat Membru, ta' għajnuna mitluba minn bidwi qabel l-iskadenza tat-terminu stabbilit f'din id-dispożizzjoni ma għandhiex titqies li tikkostitwixxi deċiżjoni impliċita ta' ċaħda tal-applikazzjoni għal għajnuna inkwistjoni, u dan indipendentement minn jekk il-bidwi kkonċernat ġiex informat jew le bit-twettiq ta' eventwali verifiki addizzjonali li jiġġustifikaw il-fatt li dan it-terminu jinqabeż.

(1) ĠU C 206, 31.5.2021.
ĠU C 242, 21.6.2021.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-28 ta' April 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Augstākā tiesa (Senāts) – il-Latvja) – "Piltenes meži" SIA vs Lauku atbalsta dienests**

**(Kawża C-251/21)** (1)

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) – Regolament (UE) Nru 1305/2013 – Appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-FAEŻR – Artikolu 30 – Pagamenti abbażi ta' Natura 2000 – Kamp ta' applikazzjoni – Talba għal għajnuna abbażi ta' mikroriżerva maħluqa f'foresta li ma tagħmilx parti min-network Natura 2000, bil-għan li tikkontribwixxi sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni ta' speċi ta' għasfur selvaġġ – Regolament (UE) Nru 702/2014 – Eżenzjoni skont il-kategorija ta' ċerti għajnuniet għas-setturi agrikoli u forestali – Applikazzjoni għall-għajnuna kkofinanzjata permezz ta' riżorsi tal-Unjoni Ewropea – Nuqqas ta' applikazzjoni għall-impriżi f'diffikultà)***

(2022/C 237/22)

*Lingwa tal-kawża: il-Litwan*

**Qorti tar-rinviju**

Augstākā tiesa (Senāts)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* "Piltenes meži" SIA

*Konvenut:* Lauku atbalsta dienests

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 għandu jiġi interpretat, fid-dawl b'mod partikolari tal-paragrafu 6 tiegħu, fis-sens li għajnuna mitluba abbażi ta' mikroriżerva maħluqa f'foresta sabiex jintlaħqu l-għanijiet tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu 30.

2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 702/2014 tal-25 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna, fis-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija u f'żoni rurali, kompatibbli mas-suq intern bl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-[TFUE], għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa eskluż li għajnuna mitluba abbażi tar-Regolament Nru 1305/2013, minħabba mikroriżerva maħluqa f'foresta sabiex jintlaħqu l-għanijiet tad-Direttiva 2009/147, minn impriża f'diffikultà, fis-sens tal-punt 14 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 702/2014, tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern, skont ir-Regolament Nru 702/2014.

(1) ĠU C 252, 28.6.2021.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tat-28 ta' April 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Conseil d'État – il-Belġju) – Secrétariat général de l'Enseignement catholique ASBL (SeGEC)** ***et*** **vs Institut des Comptes nationaux (ICN), Banque nationale de Belgique**

**(Kawża C-277/21)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Regolament (UE) Nru 549/2013 – Sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea – Punt 20.15 tal-Anness A – Kontroll eżerċitat minn istituzzjoni tal-kontijiet nazzjonali fuq awtoritajiet ta' organizzazzjoni tal-istabbilimenti edukattivi kkostitwiti fil-forma ta' istituzzjonijiet mingħajr skop ta' lukru – Stabbilimenti edukattivi li jgawdu minn finanzjament pubbliku u minn libertà ta' tagħlim iggarantita mill-Kostituzzjoni – It-tieni sentenza tal-punt 20.15 tal-Anness A – Kunċett ta' "intervent pubbliku f'forma ta' regolamenti ġenerali applikabbli għall-unitajiet kollha li jaħdmu fl-istess attività" – Portata – L-ewwel sentenza tal-punt 20.15 tal-Anness A – Inċiż (b) tal-punt 2.39, inċiż (b) tal-punt 20.15, u inċiż (h) tal-punt 20.309 tal-Anness A – Kunċett ta' "regolazzjoni eċċessiva" – Portata)***

(2022/C 237/23)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Conseil d'État

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Secrétariat général de l'Enseignement catholique ASBL (SeGEC), Fédération des Établissements libres subventionnés indépendants ASBL (FELSI), Groupe scolaire Don Bosco à Woluwe-Saint-Lambert ASBL, École fondamentale libre de Chênée ASBL, Collège Saint-Guibert de Gembloux ASBL, Collège Saint-Benoit de Maredsous ASBL, Pouvoir organisateur des Centres PMS libres à Woluwe ASBL

*Konvenut:* Institut des Comptes nationaux (ICN), Banque nationale de Belgique

**Dispożittiv**

1) L-inċiż (h) tal-punt 20.309 tal-Anness A tar-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea, moqri flimkien mal-inċiż (b) tal-punt 2.39 u l-inċiż (b) tal-punt 20.15 ta' dan l-anness, għandu jiġi interpretat fis-sens li taqa' taħt il-kunċett ta' "regolazzjoni eċċessiva" leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-istituzzjonijiet mingħajr skop ta' lukru (NPI) attivi fil-qasam tat-tagħlim li, filwaqt li huma ssussidjati mill-amministrazzjoni pubblika nazzjonali kompetenti, jibbenefikaw minn libertà ta' tagħlim iggarantita mill-Kostituzzjoni, meta din il-leġiżlazzjoni tagħti lill-imsemmija amministrazzjoni l-kompitu jew id-dritt li:

— tapprova l-programmi ta' studju,

— tirregola kemm l-istruttura tal-istudji kif ukoll l-attivitajiet prijoritarji u speċifiċi, torganizza kontroll tal-kundizzjonijiet ta' reġistrazzjoni u ta' tkeċċija tal-istudenti, tad-deċiżjonijiet tal-kunsilli tal-klassi u tal-parteċipazzjoni finanzjarja, torganizza l-irraggruppar tal-istabbilimenti skolastiċi fi ħdan networks strutturati u teħtieġ it-tfassil ta' proġetti edukattivi, pedagoġiċi u ta' stabbiliment kif ukoll is-sottomissjoni ta' rapport ta' attivitajiet;

— torganizza kontroll u spezzjoni speċjalment dwar il-fergħat mgħallma, il-livell tal-istudji u l-applikazzjoni tal-liġijiet lingwistiċi bl-esklużjoni tal-metodi pedagoġiċi, u

— timponi, għal kull klassi, taqsima, grad jew subdiviżjonijiet oħra, numru minimu ta' studenti, ħlief fil-każ ta' deroga ministerjali,

sakemm dawn il-kompiti u drittijiet ikunu suffiċjentement intrużivi sabiex jiddeterminaw, fil-fatt, il-politika ġenerali jew il-programm tan-NPI kkonċernati billi jippermettu li tiġi eżerċitata b'mod sostenibbli u permanenti influwenza reali u sostanzjali fuq id-definizzjoni u t-twettiq stess tal-għanijiet ta' dawn in-NPI, l-attivitajiet tagħhom u l-aspetti operattivi tagħhom kif ukoll l-orjentazzjonijiet strateġiċi u l-linji gwida li l-istess istituzzjonijiet mingħajr skop ta' lukru beħsiebhom isegwu fl-eżerċizzju tal-attivitajiet tagħhom, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

2) It-tieni sentenza tal-punt 20.15 tal-Anness A tar-Regolament Nru 549/2013 għandha tiġi interpretata fis-sens li ma taqax taħt il-kunċett ta' "regolamenti ġenerali applikabbli għall-unitajiet kollha li jaħdmu fl-istess attività" leġiżlazzjoni nazzjonali li tikkostitwixxi sistema legali applikabbli biss għall-membri tal-persunal tal-istituzzjonijiet mingħajr skop ta' lukru attivi fil-qasam tat-tagħlim li huma s-suġġett ta' finanzjament minn amministrazzjoni pubblika.

(1) ĠU C 278, 12.7.2021.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tat-28 ta' April 2022 – Il-Kummissjoni Ewropea vs ir-Repubblika Franċiża**

**(Kawża C-286/21)** (1)

***(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Ambjent – Direttiva 2008/50/KE – Kwalità tal-arja ambjentali – Artikolu 13(1) u Anness XI – Qbiż sistematiku u persistenti tal-valuri limitu stabbiliti għall-mikropartiċelli (PM10) f'ċerti żoni ta' Franza – Artikolu 23(1) – Anness XV – Perijodu "l-iqsar possibbli" li fih jinqabżu l-valuri limitu – Miżuri xierqa)***

(2022/C 237/24)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: O. Beynet u M. Noll-Ehlers, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: T. Stéhelin u W. Zemamta, aġenti)

**Dispożittiv**

1) Ir-Repubblika Franċiża,

— billi ma żguratx li ma jinqabiżx, b'mod sistematiku u persistenti, il-valur ta' limitu għal kull jum stabbiliti għall-mikropartiċelli (PM10), mill-1 ta' Jannar 2005 sas-sena 2019 inkluża, fl-agglomerazzjoni u ż-żona ta' kwalità ta' Pariġi (FR04A01/FR11ZAG01) u mill-1 ta' Jannar 2005 sas-sena 2016 inkluża, bl-eċċezzjoni tas-sena 2008, fl-agglomerazjoni u fiż-żona ta' kwalità Martinique/Fort-de-France (FR39N10/FR02ZAR01), naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa, moqri flimkien mal-Anness XI ta' din id-direttiva, u

— billi ma żguratx li l-pjanijiet relatati mal-kwalità tal-arja jipprevedu miżuri xierqa sabiex il-perijodu li fih jinqabżu l-valuri limitu jkunu l-iqsar possibbli, naqset, f'dawn iż-żewġ żoni, sa mill-11 ta' Ġunju 2010, milli twettaq l-obbligi tagħha taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(1) tad-Direttiva 2008/50, moqri flimkien mal-Anness XV tagħha.

2) Ir-Repubblika Franċiża hija kkundannata għall-ispejjeż.

(1) ĠU C 252, 28.6.2021.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-28 ta' April 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Korkein oikeus – il-Finlandja) – C, CD vs Syyttäjä**

**(Kawża C-804/21 PPU)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Mandat ta' arrest Ewropew – Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI – Artikolu 23(3) – Rekwiżit ta' intervent mill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni – Artikolu 6(2) – Dipartimenti tal-pulizija – Esklużjoni – Forza maġġuri – Kunċett – Ostakoli ġuridiċi għall-konsenja – Azzjonijiet legali mressqa mill-persuna rikjesta – Applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali – Esklużjoni – Artikolu 23(5) – Skadenza tat-termini previsti għall-konsenja – Konsegwenzi – Ħelsien – Obbligu li tiġi adottata kull miżura oħra neċessarja sabiex tiġi evitata l-ħarba)***

(2022/C 237/25)

*Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Korkein oikeus

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* C, D

*Konvenut:* Syyttäjä

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 23(3) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri, kif emendata permezz tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' forza maġġuri ma jestendix għall-ostakoli ġuridiċi għall-konsenja, li jirriżultaw minn azzjonijiet legali mressqa mill-persuna li hija s-suġġett tal-mandat ta' arrest Ewropew u bbażati fuq id-dritt tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, meta d-deċiżjoni finali dwar il-konsenja tkun ġiet adottata mill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni skont l-Artikolu 15(1) tal-imsemmija deċiżjoni qafas.

2) L-Artikolu 23(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, kif emendata permezz tad-Deċiżjoni Qafas 2009/299, għandu jiġi interpretat fis-sens li r-rekwiżit ta' intervent mill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni, imsemmi f'din id-dispożizzjoni, ma jkunx issodisfatt meta l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jafda lil dipartiment tal-pulizija l-kompitu li jivverifika l-eżistenza ta' każ ta' forza maġġuri kif ukoll l-osservanza tal-kundizzjonijiet meħtieġa għaż-żamma tad-detenzjoni tal-persuna li tkun is-suġġett tal-mandat ta' arrest Ewropew u li jiddeċiedi, jekk ikun il-każ, data ġdida ta' konsenja, u dan anki jekk din il-persuna jkollha d-dritt li tadixxi fi kwalunkwe mument lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni sabiex din tiddeċiedi dwar l-elementi msemmija hawn fuq.

3) L-Artikolu 23(5) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, kif emendata permezz tad-Deċiżjoni Qafas 2009/299, għandu jiġi interpretat fis-sens li t-termini msemmija fil-paragrafi 2 sa 4 ta' dan l-Artikolu 23 għandhom jitqiesu li skadew, bil-konsegwenza li l-imsemmija persuna għandha tinħeles, meta r-rekwiżit ta' intervent mill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni, imsemmi fl-Artikolu 23(3) tal-imsemmija deċiżjoni qafas, ma jkunx ġie ssodisfatt.

[1] ĠU C 95, 28.2.2022.

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-1 ta' Marzu 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio- l-Italja) – Milis Energy SpA vs Presidenza del Consiglio dei Ministri, Ministero dello Sviluppo Economico, Gestore dei Servizi Energetici SpA – GSE (C-306/19), Go Sun Srl, Malby Energy 4 Srl /Ministero dello Sviluppo economico, Ministero dell'Economia e delle Finanze, Presidenza del Consiglio dei Ministri, Autorità di Regolazione per Energia, Reti e Ambiente, Gestore dei servizi energetici (GSE) SpA (C-512/19), Fototre Srl vs Ministero dello Sviluppo economico, Presidenza del Consiglio dei Ministri, Gestore dei servizi energetici (GSE) SpA (C-595/19), Interporto di Trieste SpA (C-608/20), Soelia SpA (C-609/20), Cosilt – Consorzio per lo sviluppo economico locale di Tolmezzo (C-610/20 u C-611/20) vs Ministero dello Sviluppo economico, Gestore dei servizi energetici (GSE) SpA**

**(Kawżi maqgħuda C-306/19, C-512/19, C-595/19 u C-608/20 sa C-611/20)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Ambjent – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikoli 16 u 17 – Prinċipji taċ-ċertezza legali u tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi – Trattat tal-Karta tal-Enerġija – Artikolu 10 – Applikabbiltà – Direttiva 2009/28/KE – Artikolu 3(3)(a) – Promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli – Produzzjoni ta' enerġija elettrika minn installazzjonijiet solari fotovoltajċi – Modifika ta' skema ta' għajnuna)***

(2022/C 237/26)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*(Kawża C-306/29)*

*Rikorrent:* Milis Energy SpA

*Konvenuti:* Presidenza del Consiglio dei Ministri, Ministero dello Sviluppo economico, Gestore dei servizi energetici (GSE) SpA (C-306/19),

*(Kawża C-512/19)*

*Rikorrenti*: Go Sun Srl, Malby Energy 4 Srl

*Konvenuti*: Ministero dello Sviluppo economico, Ministero dell'Economia e delle Finanze, Presidenza del Consiglio dei Ministri, Autorità di Regolazione per Energia, Reti e Ambiente, Gestore dei servizi energetici (GSE) SpA

*(Kawża C-595/19)*

*Rikorrent*: Fototre Srl

*Konvenuti*: Ministero dello Sviluppo economico, Presidenza del Consiglio dei Ministri, Gestore dei servizi energetici (GSE) SpA

*(Kawżi C-608/20, C-609/20, C-610/20 u C-611/20)*

*Rikorrenti*: Interporto di Trieste SpA (C-608/20), Soelia SpA (C-609/20), Cosilt – Consorzio per lo sviluppo economico locale di Tolmezzo (C-610/20 u C-611/20)

*Konvenuti*: Ministero dello Sviluppo economico, Gestore dei servizi energetici (GSE) SpA,

**Dispożittiv**

**Bla ħsara għall-verifiki li l-qorti tar-rinviju għandha twettaq billi tieħu inkunsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha, l-Artikolu 3(3)(a) tad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE, u l-Artikoli 16 u 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, moqrija fid-dawl tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi t-tnaqqis jew il-posponiment tal-ħlas ta' inċentivi għall-enerġija prodotta mill-installazzjonijiet solari fotovoltajċi mogħtija preċedentement b'deċiżjonijiet amministrattivi u kkonfermati bi ftehimiet ad hoc konklużi bejn l-operaturi ta' dawn l-installazzjonijiet u kumpannija pubblika, meta din il-leġiżlazzjoni tirrigwarda l-inċentivi li jkunu diġà previsti, iżda għadhom mhux dovuti.**

(1) ĠU C 213, 24.06.2019
ĠU C 357, 21.10.2019
ĠU C 53, 15.02.2021

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tas-26 ta' April 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Juzgado de lo Social nº 3 de Barcelona – Spanja) – QL vs Universitat de Barcelona**

**(Kawża C-464/21)** (1)

***("Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal_Qorti tal-Ġustizzja – Politika soċjali – Direttiva 1999/70/KE – Ftehim qafas bejn CES, UNICE u CEEP fuq ix-xogħol għal żmien determinat – Kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat fis-settur pubbliku – Klawżola 2 u Klawżola 3(1) – Kamp ta' applikazzjoni – Kunċett ta' 'ħaddiem għal żmien determinat'")***

(2022/C 237/27)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Juzgado de lo Social nº 3 de Barcelona

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* QL

*Konvenut:* Universitat de Barcelona

**Dispożittiv**

Il-Klawżola 2 u l-Klawżola 3(1) tal-Ftehim Qafas dwar xogħol għal żmien fiss, konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, li jinsab fl-anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ħaddiem li kien marbut mal-persuna li timpjegah fis-settur pubbliku permezz ta' kuntratti suċċessivi tax-xogħol għal żmien determinat u li r-relazzjoni tax-xogħol tagħhom tista' tiġi kklassifikata mill-ġdid, bħala sanzjoni, bħala li hija "relazzjoni tax-xogħol għal żmien indeterminat mhux permanenti", jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-ftehim qafas.

(1) Data tal-preżentata: 29.07.2021.

## Appell ippreżentat fid-9 ta’ Lulju 2021 minn Valvis Holding SA mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fit-12 ta’ Mejju 2021 fil-Kawża T-638/19, Sun Stars & Sons vs EUIPO – Valvis Holding

**(Kawża C-420/21 P)**

(2022/C 237/28)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellant:* Valvis Holding SA (rappreżentanti: M. Stănescu, D. Bogdan, G. Bozocea, avocats)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Sun Stars & Sons Pte Ltd, L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea

B’digriet tad-29 ta’ April 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) iddeċidiet li tiċħad l-appell bħala manifestament inammissibbli u li Valvis Holding SA għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

---

## Appell ippreżentat fl-10 ta’ Diċembru 2021 minn St. Hippolyt Holding GmbH mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (L-Għaxar Awla) fl-20 ta’ Ottubru 2021 fil-Kawża T-351/20 – St. Hippolyt vs EUIPO – Raisioaqua

**(Kawża C-761/21 P)**

(2022/C 237/29)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellant:* St. Hippolyt Holding GmbH (rappreżentant: M. Gail, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), Raisioaqua Oy

Permezz ta’ digriet tal-31 ta’ Marzu 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) iddeċidiet li l-appell ma kienx ammess u li St. Hippolyt Holding GmbH għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess.

---

## Appell ippreżentat fl-10 ta’ Diċembru 2021 minn St. Hippolyt Holding GmbH mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (L-Għaxar Awla) fl-20 ta’ Ottubru 2021 fil-Kawża T-352/20 – St. Hippolyt vs EUIPO – Elephant

**(Kawża C-762/21 P)**

(2022/C 237/30)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellant:* St. Hippolyt Holding GmbH (rappreżentant: M. Gail, Rechtsanwalt)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), Preduzeće za proizvodnju, unutrašnju i spoljnu trgovinu Elephant Co. d.o.o

Permezz ta’ digriet tal-31 ta’ Marzu 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) iddeċidiet li l-appell ma kienx ammess u li St. Hippolyt Holding GmbH għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

---

**Appell ippreżentat fl-1 ta' Jannar 2022 minn José María Castillejo Oriol mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fit-8 ta' Novembru 2021 fil-Kawża T-419/21, Castillejo Oriol vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-1/22 P)**

(2022/C 237/31)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Appellant:* José María Castillejo Oriol (rappreżentant: J. Jover Padró, abogado)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

Permezz ta' digriet tat-2 ta' Mejju 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) ċaħdet l-appell bħala parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat, u ddeċidiet li l-appellant għandu jbati l-ispejjeż rispettivi tiegħu.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Lietuvos Aukščiausiasis Teismas (il-Litwanja) fl-10 ta' Frar 2022 – "Gjensidige" ADB**

**(Kawża C-90/22)**

(2022/C 237/32)

*Lingwa tal-kawża: il-Litwan*

**Qorti tar-rinviju**

Lietuvos Aukščiausiasis Teismas

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Appellant fil-kassazzjoni:* "Gjensidige" ADB

*Konvenuti:* UAB "Rhenus Logistics", UAB "ACC Distribution"

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 71 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali ([1]), moqri fid-dawl tal-Artikoli 25, 29 u 31 u tal-premessi 21 u 22 tal-istess regolament, jista' jiġi interpretat fis-sens li jippermetti l-applikazzjoni tal-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni dwar il-kuntratt ta' trasport internazzjonali ta' merkanzija bit-triq (CMR) anki meta l-partijiet f'tilwima li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn iż-żewġ atti kkonkludew ftehim ta' għażla tal-ġurisdizzjoni?

2) Fid-dawl tal-għan tal-leġiżlatur li jikkonsisti fit-tisħiħ tal-protezzjoni tal-ftehim ta' għażla tal-ġurisdizzjoni fl-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 45(1)(e)(ii) tar-Regolament Nru 1215/2012 jista' jiġi interpretat b'mod usa', fis-sens li ma jikkonċernax biss it-Taqsima 6 tal-Kapitolu II ta' dan ir-regolament, iżda wkoll it-Taqsima 7 tiegħu?

3) Fid-dawl tal-partikolaritajiet tal-każ preżenti u tal-konsegwenzi legali li jirriżultaw minnhom, il-kunċett ta' "strateġija pubblika" użat fir-Regolament Nru 1215/2012 jista' jiġi interpretat fis-sens li jinkludi motiv ta' nuqqas ta' rikonoxximent ta' deċiżjoni ta' qorti ta' Stat Membru ieħor meta l-applikazzjoni ta' ftehim partikolari, bħall-Konvenzjoni CMR, tagħti lok għal sitwazzjoni legali li fiha, f'każ wieħed, la l-għażla tal-ġurisdizzjoni u lanqas l-għażla tal-liġi applikabbli ma tiġi osservata?

---

([1]) ĠU 2012, L 351, p. 1

---

**Appell ippreżentat fit-13 ta’ Frar 2022 minn KY mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) fl- 1 ta’ Diċembru 2021 fil-Kawża T-433/20 KY vs Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**

**(Kawża C-100/22 P)**

(2022/C 237/33)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellant:* KY (rappreżentanti: N. Maes, J.-N. Louis, avocats)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta’ Diċembru 2021 fil-Kawża T-433/20;

— billi tiddeċiedi permezz ta’ dispożizzjonijiet ġodda:

— tiddikjara r-rikors ammissibbli u fondat;

— tannulla d-deċiżjoni ta’ ċaħda tat-talba għal ħlas lura mressqa mir-rikorrenti;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

L-appellanti ssostni li, fl-eżami tar-rikors tagħha għal annullament, il-Qorti Ġenerali wettqet diversi żbalji ta’ dritt, li jirriżultaw prinċipalment minn konfużjoni bejn azzjoni bbażata fuq l-arrikiment indebitu u kontestazzjoni ipotetika tar-regoli fil-qasam ta’ likwidazzjoni tad-drittijiet għall-pensjoni.

L-ewwel aggravju huwa bbażat kemm fuq żball ta’ liġi, sa fejn il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li kienet teżisti bażi legali għall-arrikiment indebitu, kif ukoll fuq in-nuqqas ta’ motivazzjoni tas-sentenza appellata.

It-tieni aggravju huwa bbażat fuq żball ta’ liġi mwettaq mill-Qorti Ġenerali f’dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tar-regola tal-minimu tas-sussistenza.

It-tielet aggravju huwa bbażat fuq żball ta’ liġi sa fejn il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li ma kienx hemm ftaqir.

Ir-raba’ aggravju huwa bbażat fuq il-ksur tad-dritt tal-Unjoni sa fejn il-Qorti Ġenerali interpretat ħażin il-ġurisprudenza Barroso Truta *et* vs Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (sentenza tat-18 ta’ Settembru 2018, T-702/16 P, EU:T:2018:557, punti 104 sa 106).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Napoli (l-Italja) fis-17 ta’ Frar 2022 – Proċeduri kriminali kontra CU**

**(Kawża C-112/22)**

(2022/C 237/34)

*Lingwa tal-kawża: It-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale di Napoli

**Parti fil-proċeduri kriminali nazzjonali**

CU

**Domandi preliminari**

1) Id-dritt tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 18 [TFUE], l-Artikolu 45 [TFUE], l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni [1], l-Artikolu 11(1)(d) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul [2], l-Artikolu 29 tad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (riformulazzjoni) [3], l-Artikolu 34 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-Artikoli 30 u 31 tal-Karta Soċjali tal-Kunsill tal-Ewropa, jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik li tinsab fl-Artikolu 7(1) moqri flimkien mal-Artikolu 2(1)(a) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 4, tat-28 ta' Jannar 2019, ikkonvertit, b'emendi permezz tal-Liġi Nru 26 tat-28 ta' Marzu 2019, safejn tagħmel l-aċċess għad-dħul taċ-ċittadinanza suġġett għal kundizzjoni ta' residenza fl-Italja għal perijodu minimu ta' għaxar snin (li minnhom l-aħħar sentejn meqjusa fil-mument tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni, kif ukoll għall-perijodu kollu tal-ħlas tal-benefiċċju, b'mod kontinwu), b'hekk jirriżervaw liċ-ċittadini Taljani, liċ-ċittadini [tal-Unjoni] li għandhom id-dritt ta' residenza jew id-dritt ta' residenza permanenti, jew [liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi] residenti fit-tul li jkunu rrisjedew [fl-Italja] għal inqas minn għaxar snin jew għal għaxar snin, iżda mhux b'mod kontinwu matul l-aħħar sentejn, trattament iktar sfavorevoli minn dak li jgawdu l-istess kategoriji li ilhom jgħixu hemmhekk għal għaxar snin, li minnhom l-aħħar sentejn b'mod kontinwu?

Fil-każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda:

2) Id-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari l-Artikolu 18 [TFUE], l-Artikolu 45 [TFUE], l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/11, l-Artikolu 11(1)(d) tad-Direttiva 2003/109, l-Artikolu 29 tad-Direttiva 2011/95, l-Artikolu 34 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-Artikoli 30 u 31 tal-Karta Soċjali tal-Kunsill tal-Ewropa, jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik li tinsab fl-Artikolu 7(1) moqri flimkien mal-Artikolu 2(1)(a) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 4, tat-28 ta' Jannar 2019, ikkonvertit b'emendi permezz tal-Liġi Nru 26, tat-28 ta' Marzu 2019, peress li jirriżerva trattament differenti għar-residenti fit-tul, li jistgħu jakkwistaw dritt ta' residenza permanenti fi Stat tal-Unjoni wara li jkunu għexu għal ħames snin fl-Istat Membru ospitanti, u għal residenti fit-tul li jkunu għexu [fl-Italja] għal għaxar snin, li minnhom l-aħħar sentejn b'mod kontinwu?

3) Id-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari l-Artikolu 18 [TFUE], l-Artikolu 45 [TFUE], l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/11, l-Artikolu 11(1)(d) tad-Direttiva 2003/109, u l-Artikolu 29 tad-Direttiva 2011/95, jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik li tinsab fl-Artikolu 7(1), moqrija flimkien mal-Artikolu 2(1)(a) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 4 tat-28 ta' Jannar 2019, li jimponi fuq iċ-ċittadini Taljani, [tal-Unjoni] u [tal-pajjiżi terzi] obbligu ta' residenza ta' għaxar snin (li minnhom l-aħħar sentejn b'mod kontinwu) sabiex jikkwalifikaw għall-benefiċċju tad-dħul taċ-ċittadinanza?

4) Id-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari l-Artikolu 18 [TFUE], l-Artikolu 45 [TFUE], l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/11, l-Artikolu 11(1)(d) ta-d-Direttiva 2003/109, l-Artikolu 29 tad-Direttiva 2011/95, l-Artikolu 34 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-Artikoli 30 u 31 tal-Karta Soċjali tal-Kunsill tal-Ewropa, jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik li tinsab fl-Artikolu 7(1) moqri flimkien mal-Artikolu 2(1)(a) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 4, tat-28 ta' Jannar 2019, sa fejn timponi li ċ-ċittadini Taljani, [tal-Unjoni] u [tal-pajjiżi terzi], li sabiex jibbenefikaw mill-benefiċċju tad-dħul taċ-ċittadinanza, għandhom jiddikjaraw li ilhom jirrisjedu fl-Italja għal għaxar snin, li minnhom l-aħħar sentejn b'mod kontinwu, liema dikjarazzjoni falza tinvolvi konsegwenzi ta' natura kriminali serji?

(1) ĠU 2011, L 141, p. 1.
(2) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 272.
(3) ĠU 2011, L 337, p. 9.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgericht Darmstadt (il-Ġermanja) fl-24 ta' Frar 2022 – EF vs Stadt Offenbach am Main**

**(Kawża C-129/22)**

(2022/C 237/35)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Verwaltungsgericht Darmstadt

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* EF

*Konvenut:* Stadt Offenbach am Main

**Domandi preliminari**

1) Ċittadin ta' pajjiż terz li, fl-ewwel Stat Membru (f'dan il-każ l-Italja), ikun ġie rrikonoxxut li għandu l-istatus ta' resident għal żmien twil fis-sens tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul ([1]), jista' jitlob, fit-tieni Stat Membru (f'dan il-każ il-Ġermanja), it-tiġdid ta' permess ta' residenza li jkun inħariġlu skont l-Artikoli 14 *et seq.* tad-Direttiva 2003/109 mingħajr ma jkollu għalfejn jistabbilixxi li huwa għadu jibbenefika mill-istatus ta' resident għal żmien twil?

   Fil-każ ta' risposta fin-negattiv:

2) L-istatus ta' resident għal żmien twil għandu jitqies li nżamm fit-tieni Stat Membru għas-sempliċi raġuni li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwa d-detentur ta' permess ta' residenza bħala resident għal żmien twil fl-Unjoni Ewropea maħruġ mill-ewwel Stat Membru għal perijodu indeterminat, f'sitwazzjoni fejn, matul sitt snin, huwa ma kienx irrisjeda fit-territorju tal-Istat Membru li tah dan l-istatus?

   Fil-każ ta' risposta fin-negattiv:

3) Fil-kuntest tat-tiġdid tal-permess ta' residenza, it-tieni Stat Membru huwa kompetenti sabiex jeżamina t-telf tal-istatus ta' resident għal żmien twil skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(4) tad-Direttiva 2003/109 u, jekk ikun il-każ, sabiex jirrifjuta t-tiġdid, jew l-ewwel Stat Membru huwa kompetenti sabiex jikkonstata t-telf sussegwenti ta' dan l-istatus?

   Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv:

4) F'dan il-każ, l-eżami tar-raġuni għat-telf tal-istatus ta' resident għal żmien twil skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9 (4) tad-Direttiva 2003/109 jeħtieġ traspożizzjoni fid-dritt nazzjonali li tispeċifika l-kundizzjonijiet li jimplikaw it-telf tal-istatus ta' resident għal żmien twil fl-ewwel Stat Membru jew huwa biżżejjed li d-dritt nazzjonai jipprevedi, mingħajr riferiment konkret għad-Direttiva, li t-tieni Stat Membru jista' jirrifjuta l-permess ta' residenza "jekk il-persuna barranija titlef l-istatus tagħha bħala resident għal żmien twil fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni"?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 272.

---

**Appell ippreżentat fl-24 ta' Frar 2022 minn DD mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) fil-21 ta' Diċembru 2021 fil-Kawża T-703/19, DD vs FRA**

**(Kawża C-130/22 P)**

(2022/C 237/36)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellant:* DD (rappreżentant: N. Lorenz, Rechtsanwältin)

*Parti oħra fil-proċedura:* L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali

**Talbiet**

L-appellant jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata fl-intier tagħha;

— konsegwentement:

  — tagħti lill-appellant kumpens għad-dannu mhux materjali sostnut, kif spjegat fid-dettall fir-rikors, stmat *ex aequo et bono* għal EUR 50 000;

  — tannulla d-deċiżjoni tad-Direttur tal-FRA tal-21 ta' Diċembru 2018 li tiċħad l-ilment tal-appellant ippreżentat taħt l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal;

  — jekk ikun neċessarju, tannulla d-deċiżjoni tad-Direttur tal-FRA tal-24 ta' Ġunju 2019, li tiċħad l-ilment tal-appellant ippreżentat taħt l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal;

  — tikkundanna lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għall-ispejjeż kollha.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell tiegħu, l-appellant jippreżenta l-aggravji u l-argumenti li ġejjin fir-rigward tas-sentenza appellata:

1. Żball ta' liġi, nuqqas li jiġu pprovati l-fatti legali rilevanti, eżami mhux komplet tal-fatti u żnaturament tal-provi fir-rigward tad-dikjarazzjoni tal-fatti.

2. Żball ta' liġi, żnaturament tal-provi, motivazzjoni insuffiċjenti, ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali u żball manifest ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni ta' illegalità.

3. Żball ta' liġi, żnaturament tal-provi, eżami legali mhux komplet tal-fatti rilevanti, eżami mhux komplet tal-motiv, raġunament insuffiċjenti fir-rigward tat-tieni motiv ta' illegalità.

4. Żball ta' liġi, eżami mhux komplet tal-motiv u raġunament insuffiċjenti fir-rigward tal-ħames motiv ta' illegalità.

5. Żball ta' liġi, żnaturament tal-provi, eżami mhux komplet tal-fatti fir-rigward tas-sitt motiv ta' illegalità.

6. Żball ta' liġi, eżami mhux komplet tal-motiv, raġunament insuffiċjenti, eċċezzjoni li l-provi użati ma kinux miksuba b'mod legali jew użati fir-rigward tat-tmien kap ta' illegalità.

7. Żball ta' liġi, żnaturament tal-provi, klassifikazzjoni legali żbaljata tal-fatti, raġunament insuffiċjenti fir-rigward tad-disa' motiv ta' illegalità.

8. Żball ta' liġi, eżami mhux komplet tal-fatti, raġunament insuffiċjenti u ksur tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-parti dwar id-danni attwali allegati u rabta kawżali.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas (il-Litwanja) fit-3 ta' Marzu 2022 – A. G. vs Lietuvos Respublikos generalinę prokuratūrą**

**(Kawża C-162/22)**

(2022/C 237/37)

*Lingwa tal-kawża: il-Litwan*

**Qorti tar-rinviju**

Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* A.G.

*Parti oħra fil-proċedura:* Lietuvos Respublikos generalinė prokuratūra

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) ([1]), moqri flimkien mal-Artikoli 7, 8 u 11 u 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti milli jużaw data, miżmuma mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika, li tista' tipprovdi informazzjoni dwar il-komunikazzjoni mwettqa minn utent ta' mezz ta' komunikazzjoni elettronika, f'investigazzjonijiet dwar aġir illegali fil-kariga relatat mal-korruzzjoni, indipendentement mill-punt jekk l-aċċess għal din id-data ngħatax fil-każ inkwistjoni għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja u l-prevenzjoni tat-theddid serju kontra s-sigurtà pubblika?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 514.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Bolzano (l-Italja) fit-8 ta' Marzu 2022 – Proċeduri kriminali kontra persuni mhux magħrufa**

**(Kawża C-178/22)**

(2022/C 237/38)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale di Bolzano

**Proċeduri kriminali kontra:**

Persuni mhux magħrufa

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) ([1]) jipprekludi l-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Artikolu 132 tad-decreto legislativo 30 giugno 2003 n. 196 (codice della privacy) (id-Digriet Leġiżlattiv tat-30 ta' Ġunju 2003 Nru 196 (il-Kodiċi tal-Privatezza)), li l-paragrafu 3 tiegħu ġie modifikat bid-decreto legge 30 settembre 2021 n. 132 (id-Digriet Liġi tat-30 ta' Settembru 2021 Nru 132), ikkonvertit b'emendi fil-legge 23 novembre 2021 n. 178 (il-Liġi tat-23 ta' Novembru Nru 178) u li fil-verżjoni attwali tiegħu jgħid:

"3. Fil-perijodu ta' żamma impost mil-liġi, jekk ikun hemm biżżejjed provi ta' reati li għalihom il-liġi tistabbilixxi l-piena ta' għomor-il ħabs jew <u>ħabs ta' mhux inqas minn tliet snin</u>, iddeterminata skont l-Artikolu 4 tal-codice di procedura penale (il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali), u ta' reati ta' theddid u ta' fastidju jew tfixkil ta' nies bit-telefon, meta t-theddida, il-fastidju u t-tfixkil ikunu gravi, fejn tkun rilevanti sabiex jiġu aċċertati l-fatti, id-data hija akkwistata, suġġetta għal awtorizzazzjoni maħruġa mill-qorti b'digriet motivat, fuq talba tal-prosekutur pubbliku jew fuq talba tad-difensur tal-akkużat, tal-persuna taħt investigazzjoni, tal-vittma u tal-partijiet privati l-oħra"?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 514.

**Appell ippreżentat fid-9 ta' Marzu 2022 minn Nemea Bank plc mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Id-Disa' Awla Estiża) fl-20 ta' Diċembru 2021 fil-Kawża T-321/17, Niemelä *et* vs ECB**

**(Kawża C-181/22 P)**

(2022/C 237/39)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellant:* Nemea Bank plc (rappreżentant: A. Meriläinen, asianajaja)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Heikki Niemelä, Mika Lehto, Nemea plc, Nevestor SA, Il-Bank Ċentrali Ewropew, Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

L-appellanti titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla d-digriet appellat;

— tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tiġi deċiża kif xieraq, iżda lil awla differenti b'kompożizzjoni ta' mħallfin kompletament differenti, minħabba l-preġudizzju u n-nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali tal-appellanti mill-awla li ħarġet l-imsemmi digriet, u

— tikkundanna lill-BĊE għall-ispejjeż.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

L-ewwel aggravju bbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi assumiet b'mod żbaljat li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fil-Kawża T-321/17, naqset b'mod żbaljat milli tieħu inkunsiderazzjoni li l-allegat effett *ex tunc* tad-deċiżjoni tal-BĊE tat-30 ta' Ġunju 2017 kiser l-Artikolu 263 TFUE u assumiet b'mod żbaljat li l-appellanti ma għandha l-ebda interess fl-annullament tad-deċiżjoni tal-BĊE ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni tat-23 ta' Marzu 2017.

It-tieni aggravju bbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fir-rigward tad-diversi ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali.

It-tielet aggravju bbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-ksur tad-drittijiet tal-appellanti skont l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea qabel il-bidu tal-proċedura u n-nuqqas kontinwu ta' rappreżentazzjoni effettiva tal-appellanti matul il-proċedura.

Ir-raba' aggravju bbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-ksur tad-drittijiet tal-appellanti skont l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali billi ddeċidiet li t-talba għad-danni hija inammissibbli.

Il-ħames aggravju bbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni d-drittijiet tal-appellanti previsti fl-Artikolu 340 TFUE meta ddeċidiet li t-talba għad-danni hija inammissibbli.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht München (il-Ġermanja) fl-10 ta' Marzu 2022 – JU vs Scalable Capital GmbH**

**(Kawża C-182/22)**

(2022/C 237/40)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Amtsgericht München

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* JU

*Konvenut:* Scalable Capital GmbH

**Domandi preliminari**

1. L-Artikolu 82 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) ([1]) għandu jiġi interpretat fis-sens li d-dritt għal kumpens ma għandux natura ta' sanzjoni, lanqas fir-rigward tal-kalkolu tal-ammont tiegħu, u b'mod partikolari ma għandux funzjoni dissważiva ġenerali jew speċjali, sa fejn id-dritt għal kumpens għandu biss il-funzjoni li jinkiseb kumpens għad-danni mġarrba u jekk ikun il-każ funzjoni ta' sodisfazzjoni?

2.a Għall-finijiet tal-evalwazzjoni tad-dritt għal kumpens għad-danni mhux materjali, wieħed għandu jitlaq mill-prinċipju li dan id-dritt għandu wkoll funzjoni ta' sodisfazzjoni individwali – fis-sens hawnhekk ta' interess privat tal-persuna li ġarrbet id-danni li tara li l-aġir li kkawża d-danni jiġi ssanzjonat – jew id-dritt għal kumpens għandu biss il-funzjoni li jinkiseb kumpens għad-danni mġarrba?

2.b.1. Jekk wieħed għandu jitlaq mill-prinċipju li d-dritt għal kumpens għad-danni mhux materjali għandu l-funzjoni kemm ta' kumpens kif ukoll ta' sodisfazzjoni: fl-evalwazzjoni tiegħu għandu jiġi aċċettat li l-funzjoni ta' kumpens tirbaħ b'mod strutturali fuq il-funzjoni ta' sodisfazzjoni jew hija minn tal-inqas marbuta magħha fil-forma ta' regola u ta' eċċezzjoni? Dan jista' jwassal sabiex funzjoni ta' sodisfazzjoni tittieħed inkunsiderazzjoni biss fil-każ ta' ksur intenzjonat jew ta' negliġenza gravi?

2.b.2. Jekk id-dritt għal kumpens għad-danni mhux materjali ma għandux funzjoni ta' sodisfazzjoni: fil-kalkolu ta' dawn id-danni, huwa biss il-ksur intenzjonat jew ta' negliġenza gravi għall-protezzjoni tad-data li għandu jingħata piż addizzjonali fl-evalwazzjoni tal-fatturi li kkontribwixxew għall-kawża?

3. Għall-finijiet tal-interpretazzjoni tad-danni mhux materjali fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha, għandu jitqies li hemm relazzjoni ta' ġerarkija strutturali jew, minn tal-inqas, relazzjoni ta' ġerarkija bejn regola u eċċezzjoni, fis-sens li l-impatt tad-danni li jirriżultaw minn vjolazzjoni tad-data għandu inqas piż mill-impatt tad-danni u tat-tbatija marbuta ma' danni fuq il-persuna?

4. F'sitwazzjoni fejn l-eżistenza ta' dannu hija preżunta, qorti nazzjonali tista', fid-dawl tal-assenza ta' gravità, tiddeċiedi li tordna biss l-għoti ta' kumpens għad-danni li jkunu materjalment minimi u li jekk ikun il-każ jista' jitqies biss li huwa kumpens simboliku mill-parti li ġarrbet id-danni jew mill-popolazzjoni b'mod ġenerali?

5. Għall-finijiet tal-interpretazzjoni tad-danni mhux materjali fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-konsegwenzi tiegħu, wieħed għandu jitlaq mill-prinċipju li jkun hemm serq ta' identità fis-sens tal-premessa 75 tar-Regolament 2016/679 fil-każ biss li kriminal ikun effettivament assuma l-identità tas-suġġett tad-data, jiġifieri jkun b'xi mod jew ieħor ippreżenta lilu nnifsu bħallikieku kien dan is-suġġett tad-data, jew ikun hemm diġà serq ta' identità meta l-kriminal ikollu data li tippermettilu jidentifika lis-suġġett tad-data?

([1]) ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesarbeitsgericht (il-Ġermanja) fl-10 ta' Marzu 2022 – IK vs KfH Kuratorium für Dialyse und Nierentransplantation e.V.**

**(Kawża C-184/22)**

(2022/C 237/41)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesarbeitsgericht

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* IK

*Konvenut:* KfH Kuratorium für Dialyse und Nierentransplantation e.V.

**Domandi preliminari**

1. L-Artikolu 157 TFUE u kif ukoll l-Artikolu 2(1)(b) u l-ewwel sentenza tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2006/54/KE dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (tfassil mill-ġdid) ([1]) għandhom jiġu interpretati fis-sens li ftehim kollettiv nazzjonali li jipprovdi li l-ħlas addizzjonali għas-sahra huwa previst biss għas-sigħat ta' xogħol li jkunu twettqu lil hinn mill-ħin normali tax-xogħol ta' ħaddiem impjegat full-time jinkludi inugwaljanza fit-trattament tal-impjegati full-time u tal-impjegati part-time?

2. Fil-każ li għall-ewwel domanda l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi fl-affermattiv:

   a) L-Artikolu 157 TFUE u kif ukoll l-Artikolu 2(1)(b) u l-ewwel sentenza tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2006/54/KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li, f'tali każ, ma huwiex biżżejjed sabiex jiġi kkonstatat li d-differenza fit-trattament taffettwa sostanzjalment iktar nisa milli rġiel li jkun hemm fost l-impjegati part-time sostanzjalment iktar nisa milli rġiel, iżda ma' dan għandu jiżdied il-fatt li jkun hemm fost l-impjegati full-time sostanzjalment iktar irġiel jew li l-proporzjon tal-irġiel ikun ikbar b'mod sinjfikattiv?

   b) Jew tirriżulta wkoll konklużjoni oħra għall-Artikolu 157 TFUE u d-Direttiva 2006/54/KE mill-konstatazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-punti 25 sa 36 tas-sentenza tagħha Szpital Kliniczny im. dra J. Babińskiego Samodzielny Publiczny Zaktad Opieki Zdrowotnej w Krakowie ([2]), li skonthom differenza fit-trattament fi ħdan grupp ta' persuni b'diżabbiltà tista' taqa' taħt il-kunċett ta' "diskriminazzjoni", previst fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol ([3])?

3. Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għall-ewwel domanda fl-affermattiv u għall-punti (a) u (b) tat-tieni domanda fis-sens li f'każ bħal dak tal-kawża prinċipali jista' jiġi kkonstatat li d-differenza fit-trattament fir-rigward tar-remunerazzjoni tolqot sostanzjalment iktar lin-nisa milli l-irġiel: L-Artikolu 157 TFUE u kif ukoll l-Artikolu 2(1)(b) u l-ewwel sentenza tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2006/54/KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jista' jikkostitwixxi għan leġittimu l-fatt li l-partijiet għal ftehim kollettiv ifittxu b'dispożizzjoni regolatorja – bħal dik imsemmija fl-ewwel domanda – minn naħa, l-għan li jipprekludu lill-persuna li timpjega milli timponi sahra u milli tikkumpensa bi ħlas addizzjonali għas-sahra l-użu tal-ħaddiema lil hinn mill-perijodi miftiehma, iżda, min-naħa l-oħra, ukoll l-għan li jipprekludu trattament inqas favorevoli tal-impjegati full-time b'paragun mal-impjegati part-time u li jipprevedu konsegwentement li l-ħlasijiet addizzjonali jkunu dovuti biss għas-sahra lil hinn mill-ħin tax-xogħol ta' xahar kalendarju ta' impjegat full-time?

4. Il-punt 1 tal-klawżola 4 tal-ftehim qafas dwar xogħol part-time li jinsab fl-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE tal-15 ta' Diċembru 1997 li tikkonċerna il-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC ([4]) għandu jiġi interpretat fis-sens li ftehim kollettiv nazzjonali li jipprovdi li l-ħlas addizzjonali għas-sahra huwa previst biss għas-sigħat tax-xogħol mogħtija lil hinn mill-ħin normali tax-xogħol ta' ħaddiem full-time jinkludi inugwaljanza fit-trattament tal-impjegati full-time u tal-impjegati part-time?

5. Fil-każ li għar-raba' domanda l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi fl-affermattiv: Il-punt 1 tal-klawżola 4 tal-ftehim qafas dwar xogħol part-time li jinsab fl-Anness tad-Direttiva 97/81/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li jista' jikkostitwixxi għan leġittimu l-fatt li l-partijiet għal ftehim kollettiv ifittxu b'dispożizzjoni regolatorja – bħal dik imsemmija fir-raba' domanda – minn naħa, l-għan li jipprekludu lill-persuna li timpjega milli timponi sahra u milli tikkumpensa bi ħlas addizzjonali għas-sahra l-użu tal-ħaddiema lil hinn mill-perijodi miftiehma, iżda, min-naħa l-oħra, ukoll l-għan li jipprekludu trattament inqas favorevoli tal-impjegati full-time b'paragun mal-impjegati part-time u li jipprevedu konsegwentement li l-ħlasijiet addizzjonali jkunu dovuti biss għas-sahra lil hinn mill-ħin tax-xogħol ta' xahar kalendarju ta' impjegat full-time?

(1) ĠU 2006, L 204, p. 23.
(2) Sentenza tas-26 ta' Jannar 2021, C-16/19, EU:C:2021:64.
(3) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79.
(4) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 267.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesarbeitsgericht (il-Ġermanja) fl-10 ta' Marzu 2022 – CM vs KfH Kuratorium für Dialyse und Nierentransplantation e.V.**

**(Kawża C-185/22)**

(2022/C 237/42)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesarbeitsgericht

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* CM

*Konvenut:* KfH Kuratorium für Dialyse und Nierentransplantation e.V.

**Domandi preliminari**

1. L-Artikolu 157 TFUE u kif ukoll l-Artikolu 2(1)(b) u l-ewwel sentenza tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2006/54/KE dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (tfassil mill-ġdid) [1] għandhom jiġu interpretati fis-sens li ftehim kollettiv nazzjonali li jipprovdi li l-ħlas addizzjonali għas-sahra huwa previst biss għas-sigħat ta' xogħol li jkunu twettqu lil hinn mill-ħin normali tax-xogħol ta' ħaddiem impjegat full-time jinkludi inugwaljanza fit-trattament tal-impjegati full-time u tal-impjegati part-time?

2. Fil-każ li għall-ewwel domanda l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi fl-affermattiv:

   a) L-Artikolu 157 TFUE u kif ukoll l-Artikolu 2(1)(b) u l-ewwel sentenza tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2006/54/KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li, f'tali każ, ma huwiex biżżejjed sabiex jiġi kkonstatat li d-differenza fit-trattament taffettwa sostanzjalment iktar nisa milli rġiel li jkun hemm fost l-impjegati part-time sostanzjalment iktar nisa milli rġiel, iżda ma' dan għandu jiżdied il-fatt li jkun hemm fost l-impjegati full-time sostanzjalment iktar irġiel jew li l-proporzjon tal-irġiel ikun ikbar b'mod sinjfikattiv?

   b) Jew tirriżulta wkoll konklużjoni oħra għall-Artikolu 157 TFUE u d-Direttiva 2006/54/KE mill-konstatazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-punti 25 sa 36 tas-sentenza tagħha Szpital Kliniczny im. dra J. Babińskiego Samodzielny Publiczny Zaktad Opieki Zdrowotnej w Krakowie [2], li skonthom differenza fit-trattament fi ħdan grupp ta' persuni b'diżabbiltà tista' taqa' taħt il-kunċett ta' "diskriminazzjoni", previst fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol [3]?

3. Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għall-ewwel domanda fl-affermattiv u għall-punti (a) u (b) tat-tieni domanda fis-sens li f'każ bħal dak tal-kawża prinċipali jista' jiġi kkonstatat li d-differenza fit-trattament fir-rigward tar-remunerazzjoni tolqot sostanzjalment iktar lin-nisa milli l-irġiel: L-Artikolu 157 TFUE u kif ukoll l-Artikolu 2(1)(b) u l-ewwel sentenza tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2006/54/KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jista' jikkostitwixxi għan leġittimu l-fatt li l-partijiet għal ftehim kollettiv ifittxu b'dispożizzjoni regolatorja – bħal dik imsemmija fl-ewwel domanda – minn naħa, l-għan li jipprekludu lill-persuna li timpjega milli timponi sahra u milli tikkumpensa bi ħlas addizzjonali għas-sahra l-użu tal-ħaddiema lil hinn mill-perijodi miftiehma, iżda, min-naħa l-oħra, ukoll l-għan li jipprekludu trattament inqas favorevoli tal-impjegati full-time b'paragun mal-impjegati part-time u li jipprevedu konsegwentement li l-ħlasijiet addizzjonali jkunu dovuti biss għas-sahra lil hinn mill-ħin tax-xogħol ta' xahar kalendarju ta' impjegat full-time?

4. Il-punt 1 tal-klawżola 4 tal-ftehim qafas dwar xogħol part-time li jinsab fl-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE tal-15 ta' Diċembru 1997 li tikkonċerna il-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC [4] għandu jiġi interpretat fis-sens li ftehim kollettiv nazzjonali li jipprovdi li l-ħlas addizzjonali għas-sahra huwa previst biss għas-sigħat tax-xogħol mogħtija lil hinn mill-ħin normali tax-xogħol ta' ħaddiem full-time jinkludi inugwaljanza fit-trattament tal-impjegati full-time u tal-impjegati part-time?

5. Fil-każ li għar-raba' domanda l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi fl-affermattiv: Il-punt 1 tal-klawżola 4 tal-ftehim qafas dwar xogħol part-time li jinsab fl-Anness tad-Direttiva 97/81/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li jista' jikkostitwixxi għan leġittimu l-fatt li l-partijiet għal ftehim kollettiv ifittxu b'dispożizzjoni regolatorja – bħal dik imsemmija fir-raba' domanda – minn naħa, l-għan li jipprekludu lill-persuna li timpjega milli timponi sahra u milli tikkumpensa bi ħlas addizzjonali għas-sahra l-użu tal-ħaddiema lil hinn mill-perijodi miftiehma, iżda, min-naħa l-oħra, ukoll l-għan li jipprekludu trattament inqas favorevoli tal-impjegati full-time b'paragun mal-impjegati part-time u li jipprevedu konsegwentement li l-ħlasijiet addizzjonali jkunu dovuti biss għas-sahra lil hinn mill-ħin tax-xogħol ta' xahar kalendarju ta' impjegat full-time?

(1) ĠU 2006, L 204, p. 23.
(2) Sentenza tas-26 ta' Jannar 2021, C-16/19, EU:C:2021:64.
(3) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79.
(4) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 267.

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht München (il-Ġermanja) fil-11 ta' Marzu 2022 – SO vs Scalable Capital GmbH

**(Kawża C-189/22)**

(2022/C 237/43)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Amtsgericht München

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* SO

*Konvenut:* Scalable Capital GmbH

### Domandi preliminari

1. L-Artikolu 82 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (1) għandu jiġi interpretat fis-sens li d-dritt għal kumpens ma għandux natura ta' sanzjoni, lanqas fir-rigward tal-kalkolu tal-ammont tiegħu, u b'mod partikolari ma għandux funzjoni dissważiva ġenerali jew speċjali, sa fejn id-dritt għal kumpens għandu biss il-funzjoni li jinkiseb kumpens għad-danni mġarrba u jekk ikun il-każ funzjoni ta' sodisfazzjoni?

2.a Għall-finijiet tal-evalwazzjoni tad-dritt għal kumpens għad-danni mhux materjali, wieħed għandu jitlaq mill-prinċipju li dan id-dritt għandu wkoll funzjoni ta' sodisfazzjoni individwali – fis-sens hawnhekk ta' interess privat tal-persuna li ġarrbet id-danni li tara li l-aġir li kkawża d-danni jiġi ssanzjonat – jew id-dritt għal kumpens għandu biss il-funzjoni li jinkiseb kumpens għad-danni mġarrba?

2.b.1. Jekk wieħed għandu jitlaq mill-prinċipju li d-dritt għal kumpens għad-danni mhux materjali għandu l-funzjoni kemm ta' kumpens kif ukoll ta' sodisfazzjoni: fl-evalwazzjoni tiegħu għandu jiġi aċċettat li l-funzjoni ta' kumpens tirbaħ b'mod strutturali fuq il-funzjoni ta' sodisfazzjoni jew hija minn tal-inqas marbuta magħha fil-forma ta' regola u ta' eċċezzjoni? Dan jista' jwassal sabiex funzjoni ta' sodisfazzjoni tittieħed inkunsiderazzjoni biss fil-każ ta' ksur intenzjonat jew ta' negliġenza gravi?

2.b.2. Jekk id-dritt għal kumpens għad-danni mhux materjali ma għandux funzjoni ta' sodisfazzjoni: fil-kalkolu ta' dawn id-danni, huwa biss il-ksur intenzjonat jew ta' negliġenza gravi għall-protezzjoni tad-data li għandu jingħata piż addizzjonali fl-evalwazzjoni tal-fattur li kkontribwixxew għall-kawża?

3. Għall-finijiet tal-interpretazzjoni tad-danni mhux materjali fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha, għandu jitqies li hemm relazzjoni ta' ġerarkija strutturali jew, minn tal-inqas, relazzjoni ta' ġerarkija bejn regola u eċċezzjoni, fis-sens li l-impatt tad-danni li jirriżultaw minn vjolazzjoni tad-data għandu inqas piż mill-impatt tad-danni u tat-tbatija marbuta ma' danni fuq il-persuna?

4. F’sitwazzjoni fejn l-eżistenza ta’ dannu hija preżunta, qorti nazzjonali tista’, fid-dawl tal-assenza ta’ gravità, tiddeċiedi li tordna biss l-għoti ta’ kumpens għad-danni li jkunu materjalment minimi u li jekk ikun il-każ jista’ jitqies biss li huwa kumpens simboliku mill-parti li ġarrbet id-danni jew mill-popolazzjoni b’mod ġenerali?

5. Għall-finijiet tal-interpretazzjoni tad-danni mhux materjali fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-konsegwenzi tiegħu, wieħed għandu jitlaq mill-prinċipju li jkun hemm serq ta’ identità fis-sens tal-premessa 75 tar-Regolament 2016/679 fil-każ biss li kriminal ikun effettivament assuma l-identità tas-suġġett tad-data, jiġifieri jkun b’xi mod jew ieħor ippreżenta lilu nnifsu bħallikieku kien dan is-suġġett tad-data, jew ikun hemm diġà serq ta’ identità meta l-kriminal ikollu data li tippermettilu jidentifika lis-suġġett tad-data?

---

([1]) ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2.

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (l-Awstrija) fil-11 ta’ Marzu 2022 – TR, UQ vs FTI Touristik GmbH

**(Kawża C-193/22)**

(2022/C 237/44)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Oberster Gerichtshof

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* TR, UQ

*Konvenut:* FTI Touristik GmbH

### Domandi preliminari

1) L-Artikolu 12(2) tad-Direttiva (UE) 2015/2302 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Novembru 2015 dwar pakketti tal-ivvjaġġar u arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta, li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE ([1]), għandu jiġi interpretat

(a) fis-sens li, sabiex tiġi evalwata l-ġustifikazzjoni tax-xoljiment tal-kuntratt, huma rilevanti biss iċ-ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji li jkunu diġà seħħew fil-mument tax-xoljiment,

(b) jew fis-sens li huwa wkoll neċessarju li jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi straordinarji li effettivament iseħħu wara x-xoljiment iżda qabel id-data prevista għall-bidu tal-vjaġġ (l-aħħar data possibbli għax-xoljiment)?

Jekk tingħata risposta fl-affermattiv għall-ittra (a):

(aa) L-Artikolu 12(2) tad-Direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-kuntest ta’ tilwima legali dwar il-ġustifikazzjoni għax-xoljiment, il-vjaġġatur jista’ jinvoka tali ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji bħal dawk li kienu diġà seħħew fil-mument tax-xoljiment iżda li kellu għarfien tagħhom iktar tard?

2) L-Artikolu 12(2) tad-Direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li l-vjaġġatur ma jkunx jista’ jxolji l-kuntratt mingħajr spejjeż jekk, fid-data tar-reżervazzjoni, iċ-ċirkustanzi li huwa jinvoka kienu jeżistu diġà u kellu għarfien tagħhom?

---

([1]) ĠU 2015, L 326, p. 1.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Arbeitsgericht Ludwigshafen am Rhein (il-Ġermanja) fis-17 ta' Marzu 2022 – TF vs Sparkasse Südpfalz**

**(Kawża C-206/22)**

(2022/C 237/45)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Arbeitsgericht Ludwigshafen am Rhein

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* TF

*Konvenut:* Sparkasse Südpfalz

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ([1]) u d-dritt għal-leave annwali mħallas stabbilit fl-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu dispożizzjonijiet jew prattiki nazzjonali dwar l-għoti ta' leave ta' mistrieħ lill-ħaddiema li jipprovdu li d-dritt għal-leave jiġi eżawrit ukoll meta, matul leave approvat, il-ħaddiem ikun milqut minn avveniment mhux previst, bħal, f'dan il-każ, kwarantina imposta mill-Istat u, minħabba dan il-fatt, ikun prekluż milli jeżerċita dan id-dritt b'mod sħiħ?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Lecce (l-Italja) fl-24 ta' Marzu 2022 – BU vs Comune di Copertino**

**(Kawża C-218/22)**

(2022/C 237/46)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale di Lecce

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* BU

*Konvenut:* Comune di Copertino

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ([1]), u l-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik diskussa fil-kawża prinċipali, (jiġifieri l-Artikolu 5(8) tad-decreto-legge 6 luglio 2012, n. 95 – Disposizioni urgenti per la revisione della spesa pubblica con invarianza dei servizi ai cittadini nonché misure di rafforzamento patrimoniale delle imprese del settore bancario (id-Digriet-Liġi tas-6 ta' Lulju 2012, Nru 95 – Dispożizzjonijiet Urġenti għal Reviżjoni tal-Infiq Pubbliku b'Nuqqas ta' Varjanza ta' Servizzi liċ-Ċittadini Kif Ukoll Miżuri għat-Tisħiħ tal-Kapital tal-Impriżi fis-Settur Bankarju) – ikkonvertit, b'emendi, bl-Artikolu 1(1) tal-legge 7 agosto 2012, n.º 135) (il-Liġi Nru 135 tas-7 ta' Awwissu 2012) li, għal rekwiżiti ta' kontroll tal-infiq pubbliku kif ukoll organizzattivi tal-persuna pubblika li timpjega, tipprevedi l-projbizzjoni tal-pagament ta' kumpens finanzjarju għal leave fil-każ ta' riżenja volontarja tal-uffiċjal pubbliku?

u, barra minn hekk,

2) fil-każ ta' risposta affermattiva, l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, u l-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu interpretati fis-sens li jirrikjedu li l-uffiċjal pubbliku jipproduċi l-prova tal-impossibbiltà li jibbenefika mil-leave matul ir-relazzjoni ta' xogħol?

---

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Napoli (l-Italja) fid-29 ta' Marzu 2022 – Proċeduri kriminali kontra ND**

**(Kawża C-223/22)**

(2022/C 237/47)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale di Napoli

**Parti fil-proċeduri kriminali nazzjonali**

ND

**Domandi preliminari**

1) Id-dritt tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 18 [TFUE], l-Artikolu 45 [TFUE], l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni ([1]), l-Artikolu 11(1)(d) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul ([2]), l-Artikolu 29 tad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (riformulazzjoni) ([3]), l-Artikolu 34 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-Artikoli 30 u 31 tal-Karta Soċjali tal-Kunsill tal-Ewropa, jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik li tinsab fl-Artikolu 7(1) moqri flimkien mal-Artikolu 2(1)(a) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 4, tat-28 ta' Jannar 2019, ikkonvertit, b'emendi permezz tal-Liġi Nru 26 tat-28 ta' Marzu 2019, sa fejn tagħmel l-aċċess għad-dħul taċ-ċittadinanza suġġett għal kundizzjoni ta' residenza fl-Italja għal perijodu minimu ta' għaxar snin (li minnhom l-aħħar sentejn meqjusa fil-mument tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni, kif ukoll għall-perijodu kollu tal-ħlas tal-benefiċċju, b'mod kontinwu), b'hekk jirriżervaw liċ-ċittadini Taljani, liċ-ċittadini [tal-Unjoni] li għandhom id-dritt ta' residenza jew id-dritt ta' residenza permanenti, jew [liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi] residenti fit-tul li jkunu residenti [fl-Italja] għal inqas minn għaxar snin jew għal għaxar snin, iżda mhux b'mod kontinwu matul l-aħħar sentejn, trattament iktar sfavorevoli minn dak li jgawdu l-istess kategoriji li ilhom residenti hemmhekk għal għaxar snin, li minnhom l-aħħar sentejn b'mod kontinwu?

Fil-każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda:

2) Id-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari l-Artikolu 18 [TFUE], l-Artikolu 45 [TFUE], l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/11, l-Artikolu 11(1)(d), id-Direttiva 2003/109, l-Artikolu 29 tad-Direttiva 2011/95, l-Artikolu 34 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-Artikoli 30 u 31 tal-Karta Soċjali tal-Kunsill tal-Ewropa, jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik li tinsab fl-Artikolu 7(1) moqri flimkien mal-Artikolu 2(1)(a) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 4, tat-28 ta' Jannar 2019, ikkonvertit b'emendi permezz tal-Liġi Nru 26, tat-28 ta' Marzu 2019, sa fejn tirriżerva trattament differenti għar-residenti fit-tul, li jistgħu jakkwistaw dritt ta' residenza permanenti fi Stat tal-Unjoni wara li jkunu residenti għal ħames snin fl-Istat Membru ospitanti, u għal residenti fit-tul li jkunu residenti [fl-Italja] għal għaxar snin, li minnhom l-aħħar sentejn b'mod kontinwu?

3) Id-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari l-Artikolu 18 [TFUE], l-Artikolu 45 [TFUE], l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/11, l-Artikolu 11(1)(d)), tad-Direttiva 2003/109, u l-Artikolu 29 tad-Direttiva 2011/95, jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik li tinsab fl-Artikolu 7(1), moqri flimkien mal-Artikolu 2(1)(a) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 4 tat-28 ta' Jannar 2019, li timponi fuq iċ-ċittadini Taljani, [tal-Unjoni] u [tal-pajjiżi terzi] obbligu ta' residenza ta' għaxar snin (li minnhom l-aħħar sentejn b'mod kontinwu) sabiex jikkwalifikaw għall-benefiċċju tad-dħul taċ-ċittadinanza?

4) Id-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari l-Artikolu 18 [TFUE], l-Artikolu 45 [TFUE], l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/11, l-Artikolu 11(1)(d), id-Direttiva 2003/109, l-Artikolu 29 tad-Direttiva 2011/95, l-Artikolu 34 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-Artikoli 30 u 31 tal-Karta Soċjali tal-Kunsill tal-Ewropa, jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik li tinsab fl-Artikolu 7(1) moqri flimkien mal-Artikolu 2(1)(a) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 4, tat-28 ta' Jannar 2019, sa fejn timponi li ċ-ċittadini Taljani, [tal-Unjoni] u [tal-pajjiżi terzi], sabiex jibbenefikaw mill-benefiċċju tad-dħul taċ-ċittadinanza, għandhom jiddikjaraw li ilhom residenti fl-Italja għal għaxar snin, li minnhom l-aħħar sentejn b'mod kontinwu, liema dikjarazzjoni falza tinvolvi konsegwenzi ta' natura kriminali serji?

(1) ĠU 2011, L 141, p. 1.
(2) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 272.
(3) ĠU 2011, L 337, p. 9.

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Administrativen sad – Gabrovo (il-Bulgarija) fil-31 ta' Marzu 2022 – IL vs Regionalna direktsia "Avtomobilna administratsia" Pleven

**(Kawża C-227/22)**

(2022/C 237/48)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

### Qorti tar-rinviju

Administrativen sad – Gabrovo

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* IL

*Konvenut:* Regionalna direktsia "Avtomobilna administratsia" Pleven

### Domanda preliminari

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-Liċenzji tas-Sewqan (1) jippermettu li l-Istati Membri jirrikjedu, min-naħa tas-sewwieqa li jsuqu vetturi bil-mutur li jaqgħu fil-kategoriji C, CE, C1, C1E, D, DE, D1, D1E, li dawn is-sewwieqa joqogħdu għal eżami mediku intiż li jikkonferma l-kapaċità fiżika u mentali tagħhom għas-sewqan f'intervalli ta' żmien li jkunu iqsar mill-perijodu ta' validità tal-liċenzja tas-sewqan ta' vetturi bil-mutur kif ukoll, f'dan ir-rigward, dokument separat (differenti mil-liċenzja tas-sewqan) li jikkonferma l-kapaċità tagħhom? Jew il-fatt li wieħed ikollu liċenzja tas-sewqan valida għal vetturi bil-mutur li jaqgħu fil-kategoriji msemmija jikkonferma l-kapaċità fiżika u mentali tas-sewwieqa, sa fejn tali kapaċità diġà ġiet ikkonfermata fil-mument tal-ħruġ jew tat-tiġdid tal-liċenzja tas-sewqan?

(1) ĠU 2006, L 403, p. 8.

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Düsseldorf (il-Ġermanja) fl-1 ta' April 2022 – flightright GmbH vs Eurowings GmbH

**(Kawża C-228/22)**

(2022/C 237/49)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Amtsgericht Düsseldorf

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* flightright GmbH

*Konvenut:* Eurowings GmbH

**Domandi preliminari**

1) Ikun hemm dejjem ċirkustanza straordinarja fis-sens tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 ([1]), meta l-kanċellazzjoni ta' titjira, jew id-dewmien ekwivalenti għal kanċellazzjoni, ikunu dovuti għal bidla fl-allokazzjoni tal-islott mill-organu kompetenti inkarigat mis-sigurtà tal-ajru?

2) Fil-każ li tingħata risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda, huwa suffiċjenti sabiex ikun hemm ċirkustanza straordinarja fis-sens tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 li l-bidla fl-allokazzjoni tal-islott tkun dovuta għall-kapaċità mnaqqsa tat-titjira minħabba kundizzjonijiet meteoroloġiċi, minkejja li s-sitwazzjoni meteoroloġika ma tkunx ġeneralment waqfet it-traffiku tal-ajru b'mod sostanzjali?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tallinna Halduskohus (l-Estonja) fl-4 ta' April 2022 – Roheline Kogukond MTÜ, Eesti Metsa Abiks MTÜ, Päästame Eesti Metsad MTÜ u Sihtasutus Keskkonnateabe Ühendus vs Keskkonnaagentuur**

**(Kawża C-234/22)**

(2022/C 237/50)

*Lingwa tal-kawża: l-Estonjan*

**Qorti tar-rinviju**

Tallinna Halduskohus

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Roheline Kogukond MTÜ, Eesti Metsa Abiks MTÜ, Päästame Eesti Metsad MTÜ u Sihtasutus Keskkonnateabe Ühendus

*Konvenut:* Keskkonnaagentuur

**Domandi preliminari**

1) Data, bħad-data dwar il-post fejn jinsabu kampjuni ta' plottijiet permanenti tal-inventarju statistiku tal-foresti fil-kawża prinċipali, tista' tiġi kklassifikata bħala informazzjoni ambjentali fis-sens tal-Artikolu 2(1)(a) jew (b) tad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Diretiva tal-Kunill 90/313/KEE ([1])?

2) Jekk, skont ir-risposta għall-ewwel domanda, din hija informazzjoni ambjentali, l-Artikolu 4(1)(d) tad-Direttiva 2003/4 għandu jiġi interpretat fis-sens li d-data dwar il-post fejn jinsabu kampjuni ta' plottijiet permanenti tal-inventarju statistiku tal-foresti tagħmel parti mill-materjal li jkun għadu qiegħed jiġi kkumpilat jew dokumenti jew informazzjoni mhux ikkompletati?

   L-Artikolu 4(2)(a) tad-Direttiva 2003/4 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kundizzjoni imposta f'din id-dispożizzjoni, jiġifieri li l-kunfidenzjalità rilevanti hija stabbilita bil-liġi, hija ssodisfatta jekk ir-rekwiżit ta' kunfidenzjalità ma huwiex meħtieġ mil-liġi għal tip partikolari ta' informazzjoni iżda huwa dedott mill-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni ta' att ġuridiku ta' natura ġenerali, bħall-Avaliku teabe seadus (il-Liġi dwar l-Informazzjoni Pubblika) jew ir-Riikliku statistika seadus (il-Liġi dwar l-Istatistika Uffiċjali tal-Istat)?

   Għall-finijiet tal-Artikolu 4(2)(b) tad-Direttiva 2003/4, għandhom jiġu stabbiliti effetti negattivi reali fuq ir-relazzjonijiet internazzjonali tal-Istat li jsiru possibbli bl-iżvelar tal-informazzjoni mitluba jew huwa biżżejjed li jiġi stabbilit riskju?

   L-għan invokat fl-Artikolu 4(2)(h) tad-Direttiva 2003/4 ta' "protezzjoni ta' l-ambjent [inkwistjoni]" jiġġustifika restrizzjoni ta' aċċess għall-informazzjoni ambjentali sabiex tiġi żgurata l-affidabbiltà tal-istatistika tal-Istat?

3) Jekk, skont ir-risposta għall-ewwel domanda, id-data, bħad-data dwar il-post fejn jinsabu kampjuni ta' plottijiet permanenti tal-inventarju statistiku tal-foresti fil-kawża prinċipali, ma tistax tiġi kklassifikata bħala informazzjoni ambjentali, talba għal informazzjoni dwar tali data għandha titqies bħala talba għal aċċess għal informazzjoni fis-sens tal-Artikolu 2(1)(b) tad-Direttiva 2003/4, li għandha tiġi ttrattata konformement mal-Artikolu 8(2)?

4) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għat-tielet domanda, data, bħad-data dwar il-post fejn jinsabu kampjuni ta' plottijiet permanenti tal-inventarju statistiku tal-foresti fil-kawża prinċipali, għandha titqies bħala informazzjoni dwar metodi ta' analiżi, ta' teħid tal-kampjuni u ta' trattament minn qabel tal-kampjuni użati għall-ġbir ta' informazzjoni fis-sens tal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2003/4?

5) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għar-raba' domanda, l-aċċess għal tali informazzjoni li tirriżulta mill-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2003/4 tista' tiġi limitata għal kwalunkwe raġuni importanti taħt id-dritt nazzjonali?

   Ir-rifjut ta' żvelar ta' informazzjoni skont l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2003/4 jista' jiġi mtaffi permezz ta' miżuri oħra, pereżempju miżuri li jippermettu lill-istituzzjonijiet ta' riċerka u żvilupp jew lill-qorti tal-awdituri jkollhom aċċess għall-informazzjoni mitluba għal skopijiet ta' verifika?

6) Ir-rifjut li tiġi żvelata data, bħad-data dwar il-post fejn jinsabu kampjuni ta' plottijiet permanenti tal-inventarju statistiku tal-foresti fil-kawża prinċipali, tista' tiġi ġġustifikata permezz tal-għan li tiġi żgurata l-kwalità tal-informazzjoni ambjentali fis-sens tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2003/4?

7) Il-premessa 21 tad-Direttiva 2003/4 tikkostitwixxi bażi legali għall-pubblikazzjoni ta' data dwar il-post fejn jinsabu kampjuni ta' plottijiet permanenti tal-inventarju statistiku tal-foresti?

---

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 37.

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-High Court (l-Irlanda) fit-8 ta' April 2022 – Z.K. u M.S. vs The Minister for Justice and Equality

**(Kawża C-248/22)**

(2022/C 237/51)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Qorti tar-rinviju

High Court (l-Irlanda)

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Z.K. u M.S.

*Konvenut:* The Minister for Justice and Equality

### Domanda preliminari

Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE ([1]) tipprojbixxi l-għoti simultanju ta' drittijiet ta' residenza dderivati lill-konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni Ewropea li ma għadux jgħix miegħu u lill-imsieħeb *de facto* u għal żmien twil tal-istess ċittadin tal-Unjoni li jeżerċita legalment id-dritt tiegħu ta' moviment liberu bħala ħaddiem taħt id-Direttiva?

---

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46.

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgerichtshof (l-Awstrija) fil-11 ta’ April 2022 – BM vs Gebühren Info Service GmbH (GIS)

**(Kawża C-249/22)**

(2022/C 237/52)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Verwaltungsgerichtshof

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* BM

*Konvenut:* Gebühren Info Service GmbH (GIS)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Bundesminister für Finanzen, Österreichischer Rundfunk (ORF)

### Domandi preliminari

1) Fid-dawl tad-dispożizzjoni tad-dritt primarju tal-Artikolu 151(1) moqrija flimkien mat-tieni inċiż tal-ewwel subparagrafu tal-punt h, Nru 2, tal-Parti IX tal-Anness XV tal-Att dwar il-kundizzjonijiet ta’ adeżjoni u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija bbażata l-Unjoni Ewropea konkluż mat-Trattat bejn ir-Renju tal-Belġju, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta’ Spanja, ir-Repubblika Franċiża, l-Irlanda, ir-Repubblika Taljana, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika Portugiża, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq (Stati Membri tal-Unjoni Ewropea) u r-Renju tan-Norveġja, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tal-Isveżja dwar l-adeżjoni tar-Renju tan-Norveġja, tar-Repubblika tal-Awstrija, tar-Repubblika tal-Finlandja u tar-Renju tal-Isveżja mal-Unjoni Ewropea ([1]), ħlas bħall-“Programmentgelt” (il-miżata tal-programmi) tal-Österreichischer Rundfunk (il-Korporazzjoni tax-Xandir Awstrijaka, iktar ’il quddiem l-“ORF”), li x-xandar tas-servizz pubbliku nnifsu jistabbilixxi sabiex jiffinanzja l-operat tiegħu, għandu jitqies ħlas fis-sens tal-Artikolu 2 moqri flimkien mal-Artikolu 378(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta’ Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud ([2])?

2) Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, il-“Programmentgelt” tal-ORF hemm imsemmija għandha wkoll titqies ħlas fis-sens tad-Direttiva 2006/112/KE sa fejn din għandha titħallas minn persuni li, għalkemm joperaw riċevitur tax-xandir f’bini li huwa pprovdut mill-ORF bil-programmi terrestri tagħha, ma jistgħux jirċievu dawn il-programmi tal-ORF minħabba li ma għandhomx l-apparat ta’ riċezzjoni neċessarju?

([1]) ĠU 1994, C 241, p. 336.
([2]) ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60.

---

## Appell ippreżentat fit-12 ta’ April 2022 minn Pilatus Bank plc mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Id-Disa’ Awla Estiża) fit-2 ta’ Frar 2022 fil-Kawża T-27/19, Pilatus Bank u Pilatus Holding vs BĊE

**(Kawża C-256/22 P)**

(2022/C 237/53)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Appellant:* Pilatus Bank plc (rappreżentant: O. Behrends, Rechtsanwalt)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), Il-Kummissjoni Ewropea, Pilatus Holding ltd.

### Talbiet

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata;

— tannulla, skont l-Artikolu 264 TFUE, id-deċiżjoni tal-BĊE tat-2 ta' Novembru 2018 dwar ir-revoka tal-liċenzja ta' Pilatus Bank;

— tibgħat lura l-kawża lill-Qorti Ġenerali sabiex hija tagħti deċiżjoni dwar ir-rikors għal annullament sa fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tagħti deċiżjoni dwar il-mertu;

— tikkundanna lill-BĊE jħallas l-ispejjeż tal-appellanti u l-ispejjeż tal-appell.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell, l-appellanti tressaq erba' aggravji.

L-ewwel aggravju bbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali b'mod żbaljat assumiet li huwa ġuridikament rilevanti li jiġi stabbilit jekk il-BĊE huwiex responsabbli għar-revoka *de facto* preċedenti tal-liċenzja u, b'mod partikolari, jekk il-BĊE kellux l-obbligu li jipprevjeni l-irtirar *de facto* tal-liċenzja permezz ta' intervent skont l-Artikolu 6(5)(c) tar-Regolament dwar il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (RMSU) ([1]).

It-tieni aggravju bbażat fuq il-fatt li ċ-ċaħda, mill-Qorti Ġenerali, tat-tieni motiv tal-appellanti hija bbażata fuq il-konklużjoni żbaljata tal-Qorti Ġenerali li l-kunċett ta' reputazzjoni fl-Artikolu 23 tad-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (DRK IV) ([2]) ma għandux neċessarjament jiġi interpretat b'mod konformi mal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni b'mod li akkuża f'pajjiż terz tkun tista' tikkawża dannu lir-reputazzjoni ta' azzjonist anki jekk l-aġir rilevanti ma jkunx illegali fl-ordinament tal-Unjoni u anki jekk l-aġir ikun kopert minn Statut għall-Imblukkar.

It-tielet aggravju bbażat fuq il-fatt li s-sentenza appellata hija bbażata fuq diversi żbalji oħra inkluż il-fatt li l-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat il-kunċett ta' proporzjonalità billi naqset milli tqis li analiżi tal-proporzjonalità għandha tkun ibbażata fuq il-motivi li fuqhom id-deċiżjoni tkun ibbażata.

Ir-raba' aggravju bbażat fuq il-fatt li d-drittijiet proċedurali tal-appellanti ġew miksura.

([1]) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU 2013, L 287, p. 63).

([2]) Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU 2013, L 176, p. 338, rettifiki fil-ĠU 2013, L 208, p. 73, fil-ĠU 2017, L 20, p. 1 u fil-ĠU 2020, L 203, p. 95).

## Appell ippreżentat fit-2 ta' Mejju 2022 mid-Debregeas et associés Pharma (D & A Pharma) mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fit-2 ta' Marzu 2022 fil-Kawża T-556/20, D & A Pharma vs Il-Kummissjoni u EMA

**(Kawża C-291/22 P)**

(2022/C 237/54)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellant:* Debregeas et associés Pharma (D & A Pharma) (rappreżentanti: N. Viguié, E. Gouesse, avukati)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea u L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA)

**Talbiet**

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Marzu 2022 fil-Kawża T-556/20, D&A Pharma vs Il-Kumissjoni u EMA;

— tilqa' r-rikors u tannulla d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Lulju 2020 C(2020) 4694 final li tirrifjuta l-awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq tal-prodott mediċinali għall-użu mill-bniedem "Hopveua – sodium oxybate" abbażi tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004;

— tikkundanna lill-Kummissjoni u lill-EMA għall-ispejjeż.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell tagħha, l-appellanti tqajjem żewġ aggravji.

Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, l-appellanti fl-ewwel lok, tilmenta li s-sentenza kkontestata wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem (iktar 'il quddiem iċ-"CHMP") għandu marġni ta' diskrezzjoni wiesa' sabiex jiddeċiedi li jirrikorri għal grupp xjentifiku konsultattiv speċifiku (iktar 'il quddiem il-"GSC") permanenti jew għal kumitat *ad hoc*, kuntrarjament għad-dispożizzjonijiet tal-aħħar sentenza tal-ħames subparagrafu tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 (1), tal-Artikolu 11 tar-regoli tal-proċedura taċ-CHMP (2) u tal-Artikolu 6.1 tal-linji gwida rigward il-proċedura ta' eżami mill-ġdid (3), dan l-iżball ta' liġi qed jiġi meqjus ma' klassifikazzjoni ġuridika żbaljata tal-fatti, peress li f'dan il-każ u fi kwalunkwe każ, il-GSC tal-psikjatrija permanenti biss jista' jiġi kkonsultat b'mod validu.

Fit-tieni lok, l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali li vvizzjat s-sentenza tagħha bi klassifikazzjoni ġuridika żbaljata tal-fatti, billi ddeċidiet li hija ma kinitx turi l-influwenza li l-konsultazzjoni tal-GSC tal-psikjatrija permanenti setgħet kellha fuq id-direzzjoni tad-deċiżjoni, filwaqt li, minn naħa waħda, Hopveus kien f'sitwazzjoni komparabbli ma' Selincro (dan il-prodott mediċinali kien ibbenefika mill-konsultazzjoni tal-GSC tal-psikjatrija permanenti u kiseb awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq) u li, min-naħa l-oħra, il-perizja u l-mod ta' funzjonament tal-GSC tal-psikjatrija permanenti fissru li l-konsultazzjoni tiegħu setgħet kellha influwenza fuq id-direzzjoni tad-deċiżjoni adottata.

Permezz tat-tieni aggravju tagħha, l-appellanti tilmenta li s-sentenza kkontestata, fl-ewwel lok, wettqet żball ta' liġi fir-rigward tad-dritt għal amministrazzjoni tajba, stabbilit fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, billi ddeċidiet li l-appellanti ma stabbilixxietx in-nuqqas ta' imparzjalità tal-kumitat *ad hoc* imsejjaħ miċ-CHMP minħabba li hija ma kintix ipprovdiet prova ta' preġudizzju jew preġudizzji personali ta' xi wieħed mill-membri tagħha, filwaqt li l-applikanti bbażat ruħha fuq ir-raġuni tal-imparzjalità oġġettiva, li ma timplikax il-wirja ta' dikjarazzjonijiet jew ta' teħid ta' pożizzjonijiet li jaqgħu taħt imparzjalità suġġettiva.

Fit-tieni lok, l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali li kklassifikat b'mod mhux preċiż il-fatti, billi ddeċidiet li żewġ membri involuti tal-kumitat *ad hoc* ma kinux f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess, anki jekk is-sitwazzjonijiet rispettivi tagħhom kienu tali li jikkaratterizzaw dubju oġġettivament iġġustifikat u konsegwentement ta' nuqqas ta' imparzjalità oġġettiva tal-kumitat *ad hoc*.

(1) Regolament (KE) Nru 276/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 34, p. 229).

(2) Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem – Rules of Procedure, EMEA/45110/2007.

(3) Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem, Procedural Advice on the Re-examination of CHMP Opinions, EMEA/CHMP/50745/2005 Rev. 1.

# IL-QORTI ĠENERALI

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' April 2022 – Mubarak *et* vs Il-Kunsill**

**(Kawżi T-335/18, T-338/18 u T-327/19)** ([1])

***("Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda fir-rigward tas-sitwazzjoni fl-Eġittu – Miżuri diretti kontra persuni responsabbli għal miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi u kontra persuni u entitajiet assoċjati – Iffriżar ta' fondi – Lista ta' persuni, entitajiet u organi li fir-rigward tagħhom japplika l-iffriżar ta' fondi – Żamma ta' isem ir-rikorrenti fil-lista – Drittijiet tad-difiża – Obbligu tal-Kunsill li jivverifika li d-deċiżjoni ta' awtorità ta' Stat terz tkun ittieħdet b'rispett għad-drittijiet tad-difiża u għad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Żball ta' liġi – Żball manifest ta' evalwazzjoni")***

(2022/C 237/55)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti fil-kawza T-335/18:* Gamal Mohamed Hosni Elsayed Mubarak (il-Kajr, l-Eġittu), Alaa Mohamed Hosni Elsayed Mubarak (il-Kajr), Heidy Mohamed Magdy Hussein Rasekh (il-Kajr), Khadiga Mahmoud El Gammal (il-Kajr) (rappreżentanti: B. Kennelly, QC, J. Pobjoy, barrister, G. Martin, C. Enderby Smith u F. Holmey, solicitors)

*Rikorrenti fil-kawza T-338/18:* Suzanne Saleh Thabet (il-Kajr) (rappreżentanti: B. Kennelly, QC, J. Pobjoy, barrister, G. Martin, C. Enderby Smith u F. Holmey, solicitors)

*Rikorrenti fil-kawza T-327/19:* Gamal Mohamed Hosni Elsayed Mubarak, bħala l-eredi ta' Mohamed Hosni Elsayed Mubarak (il-Kajr) (rappreżentanti: B. Kennelly, QC, J. Pobjoy, barrister, G. Martin, C. Enderby Smith u F. Holmey, solicitors)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Piessevaux u A. Antoniadis, aġenti)

**Suġġett**

Rikors ibbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiż għall-annullament, minn naħa, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/466 tal-21 ta' Marzu 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2011/172/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu (ĠU 2018, L 78I, p. 3), tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/468 tal-21 ta' Marzu 2019 li temenda d-Deċiżjoni 2011/172/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu (ĠU 2019, L 80, p. 40), u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/418 tad-19 ta' Marzu 2020 li temenda d-Deċiżjoni 2011/172/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu (ĠU 2020, L 86, p. 11), u, min-naħa l-oħra, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/465 tal-21 ta' Marzu 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 270/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu (ĠU 2018, L 78I, p. 1), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/459 tal-21 ta' Marzu 2019 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 270/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu (ĠU 2019, L 80, p. 1), u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/416 tad-19 ta' Marzu 2020 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 270/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu (ĠU 2020, L 86, p. 3), sa fejn dawn l-atti japplikaw għar-rikorrenti.

**Dispożittiv**

1) Il-Kawżi T-335/18, T-338/18 u T-327/19 huma magħquda għall-finijiet tas-sentenza.

2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/466 tal-21 ta' Marzu 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2011/172/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/468 tal-21 ta' Marzu 2019 li temenda d-Deċiżjoni 2011/172/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/418 tad-19 ta' Marzu 2020 li temenda d-Deċiżjoni 2011/172/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu, huma annullanti sa fejn jikkonċernaw lil Gamal Mohamed Hosni Elsayed Moubarak u Alaa Mohamed Hosni Elsayed Moubarak kif ukoll lil Heidy Mohamed Magdy Hussein Rasekh, Khadiga Mahmoud El Gammal u Suzanne Saleh Thabet.

3) Id-Deċiżjoni 2019/468 u d-Deċiżjoni 2020/418 huma annullanti sa fejn jikkonċernaw lil Mohamed Hosni Elsayed Moubarak.

4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/465 tal-21 ta' Marzu 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 270/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/459 tal-21 ta' Marzu 2019 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 270/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu, u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/416 tad-19 ta' Marzu 2020 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 270/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu huma annullati sa fejn jikkonċernaw lil Gamal Mohamed Hosni Elsayed Moubarak u Alaa Mohamed Hosni Elsayed Moubarak kif ukoll lil Heidy Mohamed Magdy Hussein Rasekh, Khadiga Mahmoud El Gammal u Suzanne Saleh Thabet.

5) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2019/459 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni 2020/416 huma annullanti, sa fejn jikkonċernaw lil Mohamed Hosni Elsayed Moubarak.

6) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea huwa kkundannat ibati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, l-ispejjeż miġruba minn Gamal Mohamed Hosni Elsayed Moubarak, Alaa Mohamed Hosni Elsayed Moubarak u Mohamed Hosni Elsayed Moubarak kif ukoll minn Heidy Mohamed Magdy Hussein Rasekh, Khadiga Mahmoud El Gammal u Suzanne Saleh Thabet.

---

(1) ĠU C 259, 23.7.2018.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' April 2022 – Mead Johnson Nutrition (Asia Pacific) *et* vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-508/19)** (1)

***("Għajnuna mill-Istat – Skema ta' għajnuna implimentata mill-Gvern tal-Ġibiltà rigward it-taxxa fuq il-kumpanniji – Eżenzjoni fiskali għal dħul iġġenerat minn interessi u minn royalties ta' proprjetà intellettwali – Deċiżjonijiet fiskali antiċipati favur impriżi multinazzjonali – Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara l-għajnuna inkompatibbli mas-suq intern – Obbligu ta' motivazzjoni – Żball manifest ta' evalwazzjoni – Vantaġġ selettiv – Dritt li jiġu ppreżentati osservazzjonijiet")***

(2022/C 237/56)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Mead Johnson Nutrition (Asia Pacific) Pte Ltd (Singapor, Singapor), MJN Global Holdings BV (Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi), Mead Johnson BV (Nijmegen, il-Pajjiżi l-Baxxi), Mead Johnson Nutrition Co., (Chicago, Illinois, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: C. Quigley, barrister, M. Whitehouse u P. Halford, solicitors)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Flynn, B. Stromsky u P. Němečková, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/700 tad-19 ta' Diċembru 2018, dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.34914 (2013/C) implimentata mir-Renju Unit rigward l-Iskema tat-Taxxa fuq l-Introjtu Korporattiv f'Ġibiltà (ĠU 2019, L 119, p. 151).

**Dispożittiv**

1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/700 tad-19 ta' Diċembru 2018, dwar l-Ghajnuna mill-Istat SA.34914 (2013/C) implimentata mir-Renju Unit rigward l-Iskema tat-Taxxa fuq l-Introjtu Korporattiv f'Ġibiltà, hija annullata inkwantu huwa kkonstatat, fl-Artikolu 2, li l-għajnuna individwali mogħtija mill-Gvern ta' Ġibiltà abbażi taż-żamma, wara l-31 ta' Diċembru 2013, tad-deċiżjoni fiskali antiċipata mogħtija lil MJN Holdings (Gibraltar) Ltd hija illegali u inkompatibbli mas-suq intern u inkwantu huwa ordnat, fl-Artikolu 5(1) u (2), l-irkupru ta' din l-għajnuna.

2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.

3) Mead Johnson Nutrition (Asia Pacific) Pte Ltd, MJN Global Holdings BV, Mead Johnson BV, Mead Johnson Nutrition Co. u l-Kummissjoni għandhom, kull waħda minnhom, ibatu l-ispejjeż tagħhom.

---

([1]) ĠU C 295, 2.9.2019.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' April 2022 – FC vs EASO**

**(Kawża T-634/19)** ([1])

***("Servizz pubbliku – Membri tal-persunal temporanju – Proċedura predixxiplinari – Sospensjoni, żamma tar-remunerazzjonu u projbizzjoni ta' aċċess għall-bini u għall-apparat tal-EUAA – Rapport tal-OLAF – Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba – Dritt għal smigħ – Prinċipju ta' imparzjalità – Żball manifest ta' evalwazzjoni – Obbligu ta' motivazzjoni – Drittijiet tad-difiża – Responsabbiltà – Rabta stretta mat-talbiet għal annullament")***

(2022/C 237/57)

*Lingwa tal-kawża: il-Grieg*

**Partijiet**

*Rikorrent:* FC (rappreżentanti: V. Christianos, A. Skoulikis u M.-C. Vlachoy, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO) (rappreżentanti: P. Eyckmans u M. Stamatopoulou, aġenti, assistiti minn A. Guillerme u T. Bontinck, avukati)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 270 TFUE, ir-rikorrenti titlob, minn naħa, l-annullament tad-deċiżjoni tal-Aġenzija (EUAA) tal-[*kunfidenzjali*] li permezz tagħha hija ddeċidiet dwar is-sospensjoni tagħha u dik tal-[*kunfidenzjali*] li permezz tagħha hija tiċħad l-ilment tagħha tal-[*kunfidenzjali*] u, min-naħa l-oħra, il-kumpens għad-dannu li hija ġarrbet minħabba dawn id-deċiżjonijiet.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) FC hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

([1]) ĠU C 399, 25.11.2019.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta’ April 2022 – Flašker vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-392/20)** ([1])

***(“Għajnuna mill-Istat – Miżuri mogħtija mis-Slovenja lil netwerk muniċipali ta’ spiżeriji – Fażi preliminari ta’ eżami – Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata l-assenza ta’ għajnuna mill-Istat u, possibbilment, il-preżenza ta’ għajnuna eżistenti – Deċiżjoni adottata mingħajr ma tinfetaħ il-proċedura ta’ investigazzjoni formali prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE – Diffikultajiet serji”)***

(2022/C 237/58)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Petra Flašker (Grosuplje, is-Slovenja) (rappreżentant: K. Zdolšek, avukat)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Arenas u C. Georgieva, aġenti)

*Intervenjent insostenn tal-konvemut:* Ir-Repubblika tas-Slovenja (rappreżentant: B. Jovin Hrastnik, agent)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 1724 final tal-24 ta’ Marzu 2020, li tagħlaq l-eżami tal-miżuri li jikkonċernaw l-ispiżerija pubblika Lekarna Ljubljana fid-dawl tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat li jinsabu fl-Artikoli 107 u 108 TFUE (Każ SA.43546 (2016/FC) – is-Slovenja).

**Dispożittiv**

1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 1724 final tal-24 ta’ Marzu 2020 li tagħlaq l-eżami tal-miżuri li jikkonċernaw l-ispiżerija pubblika Lekarna Ljubljana fid-dawl tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat li jinsabu fl-Artikoli 107 u 108 TFUE (Każ SA.43546 (2016/FC) – is-Slovenja), hija kkanċellata sa fejn tikkonċerna l-attivi taħt il-ġestjoni ta’ Lekarna Ljubljana.

2) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti minn Petra Flašker.

3) Ir-Repubblika tas-Slovenja għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

([1]) ĠU C 297, 7.9.2020.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta’ April 2022 – KU vs SEAE**

**(Kawża T-425/20)** ([1])

***(“Servizz pubbliku – Membri tal-persunal bil-kuntratt – Persunal tas-SEAE – Fastidju psikoloġiku – Investigazzjoni amministrattiva – Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal – Talba għal assistenza – Ċaħda tat-talba – Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal – Obbligu ta’ motivazzjoni – Żball ta’ evalwazzjoni – Terminu raġonevoli – Responsabbiltà”)***

(2022/C 237/59)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* KU (rappreżentant: A. Tymen, avukat)

*Konvenut:* Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (rappreżentanti: S. Marquardt, R. Spáč, G. Pasqualetti u E. Orgován, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tas-SEAE tas-17 ta' Settembru 2019 li tiċħad it-talba għal assistenza tar-rikorrenti u, min-naħa l-oħra, għall-kumpens għad-dannu li hija allegatament ġarrbet bħala riżultat ta' atti ta' fastidju psikoloġiku.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) KU hija kkundannata għall-ispejjeż.

(1) ĠU C 297, 7.9.2020.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' April 2022 – Correia vs KESE**

**(Kawża T-750/20)** (1)

***("Servizz pubbliku – Persunal tal-KESE – Membri tal-persunal temporanji – Talba għall-kostituzzjoni mill-ġdid tal-karriera – Talba miċħuda – Rikors għal annullament – Regolarità tal-proċedura prekontenzjuża – Terminu għat-tressiq ta' lment – Interess ġuridiku – Ammissibbiltà – Ugwaljanza fit-trattament – Ċertezza legali – Prospetti raġonevoli ta' karriera – Assenza ta' dritt għal kostituzzjoni mill-ġdid tal-karriera – Obbligu li jitwettaq eżami komparattiv tal-merti – Responsabbiltà – Danni morali")***

(2022/C 237/60)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Paula Correia (Woluwe-Saint-Étienne, il-Belġju) (rappreżentant: L. Levi, avukat)

*Konvenut:* Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (rappreżentanti: M. Pascua Mateo, K. Gambino, X. Chamodraka, A. Carvajal García-Valdecasas u L. Camarena Januzec, aġenti, assistiti minn B. Wägenbaur, avukat)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tagħha bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE, ir-rikorrenti titlob, l-ewwel, l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) tat-8 ta' April 2020 li permezz tagħha il-Kumitat ċaħad it-talba tagħha għall-kostituzzjoni mill-ġdid tal-karriera, it-tieni, il-kundanna tal-KESE għall-ħlas tal-arretrati tar-remunerazzjoni u benefiċċji finanzjarji dderivati, miżjuda bl-interessi moratorji, u, it-tielet, il-kumpens għad-danni morali li hija sostniet.

**Dispożittiv**

1) Id-deċiżjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) tat-8 ta' April 2020 li tiċħad it-talba għall-kostituzzjoni mill-ġdid tal-karriera magħmula minn Paula Correia hija annullata.

2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.

3) Il-KESE huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(1) ĠU C 53, 15.2.2021.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' April 2022 – QA vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-68/21)** [1]

***("Responsabbiltà mhux kuntrattwali – Ftehim ta' sussidju konkluż fil-kuntest tas-Seba' Programm Qafas għall-azzjonijiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) – Rapport ta' verifika – Lingwaġġ – Ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li tagħti drittijiet lill-individwi – Proporzjonalità – Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba")***

(2022/C 237/61)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* QA (rappreżentant: C. Roth, avukat)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Perrin u E. Stamate, aġenti)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 268 TFUE, ir-rikorrenti titlob kumpens għad-dannu materjali u morali li hija allegatament ġarrbet minħabba ċerti kummenti magħmula fir-rapport ta' verifika finali tat-8 ta' Jannar 2014 adottat mill-Kummissjoni Ewropea wara l-verifika finanzjarja mwettqa dwar il-parteċipazzjoni ta' A fil-proġett B li kien ġie ffinanzjat fil-kuntest tas-Seba' Programm Qafas għall-azzjonijiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013).

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) QA kkundannata għall-ispejjeż.

---

[1] ĠU C 138, 19.4.2021.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' April 2022 – Dorit-DFT vs EUIPO – Erwin Suter (DORIT)**

**(Kawża T-208/21)** [1]

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità – Reġistrazzjoni internazzjonali li tindika lill-Unjoni Ewropea – Trade mark verbali DORIT – Ismijiet ta' kumpanniji nazzjonali preċedenti – Raġuni relattiva għal rifjut – Assenza ta' użu fil-kummerċ ta' sinjal li l-portata tiegħu ma huwiex biss lokali – Artikolu 8(4) u Artikolu 52(1)(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li saru l-Artikolu 8(4) u l-Artikolu 60(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001)")***

(2022/C 237/62)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Dorit-DFT Fleischereimaschinen GmbH (Ellwangen, il-Ġermanja) (rappreżentant: E. Strauß, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Walicka, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Erwin Suter AG Maschinenfabrik Retus (Kölliken, l-Isvizzera) (rappreżentant: C. Brecht, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-9 ta' Frar 2021 (Każ R 127/2020-5), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Dorit-DFT Fleischereimaschinen u Erwin Suter Maschinenfabrik Retus.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Dorit-DFT Fleischereimaschinen GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

(1) ĠU C 228, 14.6.2021.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' April 2022 – Agora Invest vs EUIPO – Transportes Maquinaria y Obras (TRAMOSA)**

**(Kawża T-219/21)** [1]

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea TRAMOSA – Trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea preċedenti TRAMO, SA TRANSPORTE MAQUINARIA Y OBRAS, S.A. – Raġuni relattiva għal rifjut – Probabbiltà ta' konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001) – Użu ġenwin tat-trade mark preċedenti – Punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15(1) u Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament Nru 207/2009 (li saru l-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(1) u Artikolu 47(2) u (3) tar-Regolament 2017/1001) – Forma li tinbidel permezz ta' elementi li ma jibdlux il-karattru distintiv")***

(2022/C 237/63)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Agora Invest, SA (Barcelona, Spanja) (rappreżentant: A. Alejos Cutuli, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Transportes Maquinaria y Obras, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentant: N. Fernández Fernández-Pacheco, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-16 ta' Frar 2021 (Każ R 566/2020-5), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Transportes Maquinaria y Obras u Agora Invest.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Agora Invest, SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

(1) ĠU C 228, 14.6.2021.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' April 2022 – Moio vs EUIPO – Paul Hartmann (moio.care)**

**(Kawża T-276/21)** ([1])

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għal trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea moio.care – Trade mark verbali preċedenti tal-Unjoni Ewropea Molicare – Raġuni relattiva għal rifjut – Probabbiltà ta' konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001)***

(2022/C 237/64)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Moio GmbH (Fürth, il-Ġermanja) (rappreżentant: E. Grande García, avukata)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Eberl u D. Hanf, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO:* Paul Hartmann AG (Heidenheim, il-Ġermanja)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-24 ta' Marzu 2021 (Każ R 1034/2020-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Paul Hartmann u Moio.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Moio GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

([1]) ĠU C 278, 12.7.2021.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Marzu 2022 – Advanced Organic Materials vs EUIPO – Swiss Pharma International (ADVASTEROL)**

**(Kawża T-6/21)** ([1])

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Irtirar tal-oppożizzjoni – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")***

(2022/C 237/65)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Advanced Organic Materials, SA (Buenos Aires, l-Arġentina) (rappreżentant: J. L. Rivas Zurdo, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Frydendahl u V. Ruzek, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Swiss Pharma International AG (Zürich, l-Isvizzera) (rappreżentant: M. Kondrat, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-27 ta' Ottubru 2020 (Każ R 781/2020-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Swiss Pharma International u Advanced Organic Materials.

**Dispożittiv**

1) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.

2) Advanced Organic Materials, SA u Swiss Pharma International AG huma kkundannati jħallsu l-ispejjeż rispettivi tagħhom, kif ukoll, kull waħda minnhom, nofs dawk sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).

(1) ĠU C 62, 22.2.2021.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Marzu 2022 – Retail Royalty vs EUIPO – Fashion Energy (Rappreżentazzjoni ta' ajkla)**

**(Kawża T-226/21)** (1)

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' kanċellazzjoni – Irtirar tat-talba għal revoka – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")***

(2022/C 237/66)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Retail Royalty Co. (Las Vegas, Nevada, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: J. Bogatz u Y. Stone, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Walicka, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO:* Fashion Energy Srl (Milano, l-Italja)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-10 ta' Frar 2021 (Każ R 2813/2019-5), dwar proċedimenti ta' kanċellazzjoni bejn Fashion Energy u Retail Royalty.

**Dispożittiv**

1) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.

2) Retail Royalty Co. hija kkundannata tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).

(1) ĠU C 228, 14.6.2021.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Marzu 2022 – Sunshine Smile vs EUIPO (PlusDental+)**

**(Kawża T-265/21)** (1)

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Revoka tad-deċiżjoni kkontestata – Tmiem tas-suġġett tal-kawża – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")***

(2022/C 237/67)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Sunshine Smile GmbH (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentanti: D. Weller u V. Wolf, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Eberl u D. Hanf, aġenti)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-18 ta’ Marzu 2021 (Każ R 1834/2020-2), dwar applikazzjoni għal reġistrazzjoni tas-sinjal figurattiv PlusDental+ bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

### Dispożittiv

1) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.

2) L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(1) ĠU C 263, 5.7.2021.

---

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta’ Marzu 2022 – Hewlett Packard Enterprise Development vs EUIPO – Aruba (ARUBA)

**(Kawża T-343/21)** (1)

***(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità – Irtirar tat-talba għal dikjarazzjoni ta’ invalidità – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)***

(2022/C 237/68)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Hewlett Packard Enterprise Development LP (Houston, Texas, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: P. Roncaglia u N. Parrotta, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Frydendahl u J. F. Crespo Carrillo, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Aruba SpA (Ponte San Pietro, l-Italja) (rappreżentant: N. Scardaccione, avukat)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-25 ta’ Marzu 2021 (Każ R 259/2020-5), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità bejn Aruba u Hewlett Packard Enterprise Development.

### Dispożittiv

1) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.

2) Hewlett Packard Enterprise Development LP u Aruba SpA huma kkundannati jbatu l-ispejjeż tagħhom, kif ukoll, kull waħda, nofs l-ispejjeż esposti mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).

(1) ĠU C 329, 16.8.2021.

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta’ Marzu 2022 – Hewlett Packard Enterprise Development vs EUIPO – Aruba (ARUBA NETWORKS)

**(Kawża T-345/21)** [1]

***(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità – Irtirar tat-talba għal dikjarazzjoni ta’ invalidità – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)***

(2022/C 237/69)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Hewlett Packard Enterprise Development (Houstan, Texa, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: P. Roncaglia u N. Parrotta, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Frydendahl u J. F. Crespo Carrillo, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Aruba SpA (Ponte San Pietro, l-Italja) (rappreżentant: N. Scardaccione, avukat)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-29 ta’ Marzu 2021 (Każ R 1473/2020-5), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità bejn Aruba u Hewlett Packard Enterprise Development.

### Dispożittiv

1) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.

2) Hewlett Packard Enterprise Development LP u Aruba SpA huma kkundannati għall-ispejjeż tagħhom stess, kif ukoll, kull wieħed minnhom, għal nofs l-ispejjeż sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).

[1] ĠU C 329, 16.8.2021.

---

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta’ Marzu 2022 – Gustopharma Consumer Health vs EUIPO – Helixor Heilmittel (HELIXORIGINAL)

**(Kawża T-797/21)** [1]

***(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Irtirar tal-oppożizzjoni – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)***

(2022/C 237/70)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Gustopharma Consumer Health, SL (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: J. Wachinger u R. Drozdz, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Gája, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO:* Helixor Heilmittel GmbH (Rosenfeld, il-Ġermanja)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-18 ta’ Ottubru 2021 (Każ R 1644/2019-1), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Helixor Heilmittel u Gustopharma Consumer Health.

**Dispożittiv**

1) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.

2) Gustopharma Consumer Health, SL hija kkundannata tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).

(1) ĠU C 73, 14.2.2022.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Marzu 2022 – Gustopharma Consumer Health vs EUIPO – Helixor Heilmittel (HELIXFORTE)**

**(Kawża T-798/21)** (1)

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Irtirar tal-oppożizzjoni – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")***

(2022/C 237/71)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Gustopharma Consumer Health, SL (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: J. Wachinger u R. Drozdz, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Gája, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Helixor Heilmittel GmbH (Rosenfeld, il-Ġermanja)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-19 ta' Ottubru 2021 (Każ R 1645/2019-1) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Helixor Heilmittel u Gustopharma Consumer Health.

**Dispożittiv**

1) Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.

2) Gustopharma Consumer Health, SL hija kkundannata għall-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).

(1) ĠU C 73, 14.2.2022.

---

**Rikors ippreżentat fit-18 ta' Jannar 2022 – XH vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-522/21)**

(2022/C 237/72)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* XH (rappreżentant: K. Górny-Salwarowska, avukat)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

## Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni D/386/20 tal-24 ta' Novembru 2020 dwar ir-rifjut ta' rettifika tal-fajl Sysper 2 tar-rikorrent, ikkonfermata bid-deċiżjoni Nru R/125/21 maħruġa mill-Awtorità tal-Ħatra fis-16 ta' Ġunju 2021 b'risposta għall-ilment ippreżentat mir-rikorrent fit-22 ta' Frar 2021;

— tannulla d-deċiżjoni tat-12 ta' Novembru 2020 (IA Nru 32-2020) dwar l-assenza ta' inklużjoni tal-isem tar-rikorrent fil-lista tal-uffiċjali promossi fl-2020, ikkonfermata bid-deċiżjoni Nru R/80/21 maħruġa mill-Awtorità tal-Ħatra fit-8 ta' Ġunju 2021 bi tweġiba għall-ilment ippreżentat mir-rikorrent fil-5 ta' Frar 2021;

— tikkumpensa t-telf u d-danni tar-rikorrent ([1]);

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq żball ta' liġi u l-irregolarità tal-proċeduri ta' promozzjoni kkontestati: il-ksur tad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 8968 final, li tistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni tal-Artikolu 45 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea; il-ksur tal-Artikolu 45(1) tar-Regolamenti tal-Persunal fid-dawl tal-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-assenza ta' paragun reali tal-merti.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni fl-applikazzjoni tal-kriterji ta' promozzjoni previsti fl-Artikolu 45 tar-Regolamenti tal-Persunal, moqri fid-dawl tal-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

([1]) Fir-rikors jintalbu żewġ ammonti speċifiċi, jiġifieri EUR 25 000 għad-dannu morali u EUR 50 000 għad-dannu materjali allegat mir-rikorrent.

---

## Rikors ippreżentat fit-30 ta' Marzu 2022 – T-Systems International vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-173/22)**

(2022/C 237/73)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

## Partijiet

*Rikorrent:* T-Systems International GmbH (Frankfurt am Main, il-Ġermanja) (rappreżentanti: E. van Nuffel d'Heynsbroeck, D. Bogaert u T. Payan, avukati)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

## Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni li jingħata l-kuntratt fil-Proċedura ta' Sejħa għal Offerti DIGIT/A3/PR/2019/010 għall-provvista ta' servizzi fir-rigward ta' Servizzi Trans-Ewropej għat-Telematika Bejn l-Amministrazzjonijiet (TESTA), li r-riżultat tagħha ġie nnotifikat fil-21 ta' Jannar 2022;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż kollha.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni ta' ksur tal-Artikolu 168(6) tar-Regolament Finanzjarju [1] u tal-illegalità tal-offerti kollha sottomessi fil-proċedura għaliex ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Ispeċifikazzjonijiet tas-Sejħa għal Offerti jagħmlu eċċessivament diffiċli jew impossibbli l-implimentazzjoni tas-servizz, u għalhekk is-sottomissjoni ta' offerta regolari.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenuta emendat ir-rekwiżiti imperattivi stabbiliti fl-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi bi ksur tal-kundizzjonijiet essenzjali tal-proċedura fl-evalwazzjoni tal-offerti ta' offerenti oħrajn.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li jeżisti riskju għoli ta' emenda sostanzjali tal-kuntratt, għaliex il-Kummissjoni tat il-kuntratt fuq termini tekniċi li hija ma setgħetx ma kinitx taf li jkunu obsoliti malajr, jekk mhux diġà obsoliti fil-mument tas-sejħa għal offerti tagħha, bi ksur tal-Artikolu 170 tar-Regolament Finanzjarju.

---

[1] Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU 2018, L 193, p. 1, u rettifika fil-ĠU 2019, L 60, p. 36).

---

**Rikors ippreżentat fl-14 ta' April 2022 – Mariani vs Il-Parlament**

**(Kawża T-196/22)**

(2022/C 237/74)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Thierry Mariani (Pariġi, Franza) (rappreżentant: F.-P. Vos, avukat)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni D-301939, tat-3 ta' Marzu 2022, tal-Grupp ta' sostenn tad-demokrazija u ta' koordinazzjoni tal-elezzjonijiet, li teskludi lil T. Mariani minn kull parteċipazzjoni fid-delegazzjonijiet ta' osservazzjoni tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew sat-tmiem tal-mandat tiegħu bħala membru tal-Parlament (2019-2024);

— tikkundanna lill-konvenut iħallas lir-rikorrent is-somma ta' EUR 3 000, abbażi tal-Artikoli 87 *et seq*. tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka seba' motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq in-nuqqas ta' motivazzjoni. Skont ir-rikorrent, id-deċiżjoni kkontestata ma hijiex immotivata biżżejjed, sa fejn din ma tikkonċernax bi preċiżjoni t-testi li huma l-bażi tas-sanzjoni.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-proċedura ta' sanzjoni stabbilita mir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew. F'dan ir-rigward, ir-rikorrent jindika li f'dan il-każ id-difett proċedurali huwa ċar, sa fejn ebda dispożizzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew ma tikkonċerna l-każ inkwistjoni u l-proċedura dixxiplinari applikabbli għall-membri tal-Parlament u msemmija fil-kodiċi ta' kondotta tal-membri tal-Parlament ma ġietx osservata.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju tal-kontradittorju. F'dan ir-rigward, ir-rikorrent josserva li l-proċedura ta' sanzjoni ma għandhiex natura kontradittorja, sa fejn id-dritt tas-smigħ tar-rikorrent ma ġiex osservat, u b'hekk ma setax jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu qabel l-adozzjoni tas-sanzjoni.

4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB"). Skont ir-rikorrent, il-prinċipju ta' ugwaljanza ġie miksur, sa fejn id-deċiżjoni kkontestata ma ġietx innotifikata lir-rikorrent fil-lingwa materna tiegħu u ma ssemmix ir-rimedji u t-termini biex jaġixxi. Barra minn hekk, l-awtorità ta' prosekuzzjoni aġixxiet ukoll bħala awtorità ġudizzjarja, filwaqt li s-separazzjoni ta' dawn il-funzjonijiet hija garanzija mogħtija mill-Artikolu 6 tal-KEDB.

5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni. Ir-rikorrent josserva li d-deċiżjoni kkontestata, minħabba s-severità tagħha, hija vvizjata b'diskriminazzjoni peress li din ingħatat wara deċiżjoni inizjali ta' sospensjoni tat-18 ta' Ġunju 2021, li diġà turi trattament mhux ugwali bejn il-membri tal-Parlament, skont l-appartenenza politika tagħhom.

6. Is-sitt motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' projbizzjoni ta' kull mandat imperattiv. Id-deċiżjoni kkontestata ċċaħħad lill-membru tal-Parlament mill-indipendenza tiegħu u tikser il-projbizzjoni ta' kull mandat imperattiv peress li ma jistax jiġi validament ilmentat kontra r-rikorrent li kien mistieden minn Stat estern għall-Unjoni Ewropea, sabiex jeżerċita fih il-funzjonijiet ta' osservatur indipendenti ta' eżerċizzju elettorali, filwaqt li qatt ma ppretenda li jirrappreżenta, f'dan il-kuntest, l-istituzzjoni Ewropea li huwa membru tagħha.

7. Is-seba' motiv ibbażat fuq il-karattru definittiv u mhux revedibbli tad-deċiżjoni. Skont ir-rikorrent, id-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi annullata, peress li tapplika b'mod immedjat u ma tipprevedi ebda possibbiltà ta' reviżjoni qabel it-tmiem tal-mandat tar-rikorrent.

---

**Rikors ippreżentat fid-19 ta' April 2022 – Il-Polonja vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-200/22)**

(2022/C 237/75)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentant: B. Majczyna, aġent)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea li jinsabu fl-ittri tas-7 ta' Frar 2022, tat-8 ta' Frar 2022, tas-16 ta' Marzu 2022 u tal-31 ta' Marzu 2022 dwar it-tpaċija tar-riċevibbli fir-rigward tal-pagamenti ta' penalità ta' kuljum stabbiliti fid-digriet tal-Viċi Presidenta tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-20 ta' Settembru 2021 (Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Polonja, C-121/21 R, EU:C:2021:752) għall-perijodu mill-20 ta' Settembru 2021 sas-17 ta' Jannar 2022;

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta' kompetenza tal-Kummissjoni kif ukoll fuq ksur tal-Artikoli 101 u 102 flimkien mal-Artikolu 98 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 ([1]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill permezz tal-applikazzjoni ta' proċedura ta' rkupru tar-riċevibbli permezz ta' tpaċija, minkejja li dan ir-riċevibbli ma baqax jeżisti. Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni ma kellhiex bażi legali sabiex tadotta d-deċiżjonijiet ikkontestati f'sitwazzjoni fejn l-effetti tad-digriet tal-20 ta' Settembru 2021 ntemmew b'mod retroattiv b'riżultat tal-konklużjoni ta' ftehim bonarju bejn il-Gvern Pollakk u l-Gvern Ċek, fejn iż-żewġ partijiet irrinunzjaw għall-pretensjonijiet kollha, u tat-tħassir tal-Kawża C-121/21 ([2]) mir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 296 TFUE u tal-Artikoli 41(2)(ċ) u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea minħabba motivazzjoni insuffiċjenti tad-deċiżjonijiet ikkontestati. Ir-rikorrenti ssostni li, permezz tal-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ikkontestati, il-Kummissjoni naqset milli tipprovdi l-ġustifikazzjoni meħtieġa mit-Trattat u mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-bażi legali tal-proċedura ta' rkupru tar-riċevibbli mwettqa permezz ta' dawn id-deċiżjonijiet.

(1) Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU 2018, L 193, p. 1, rettifika fil-ĠU 2019, L 60, p. 36).

(2) Digriet tal-4 ta' Frar 2022, Ir-Repubblika Ċeka vs Ir-Repubblika tal-Polonja (Minjiera ta' Turów), C-121/21, mhux ippubblikat, EU:C:2022:82.

## Rikors ippreżentat fil-15 ta' April 2022 – Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-203/22)**

(2022/C 237/76)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi (rappreżentanti: M. Bulterman u J. Langer, aġenti)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-15 ta' Frar 2022 bir-referenza Ares (2022) 1097097 li tiċħad it-talba tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi sabiex id-deċiżjoni tas-6 ta' Jannar 2022 tiġi eżaminata mill-ġdid u sabiex it-terminu ta' tmien snin għall-irkupru tal-ammonti mħallsa indebitament fil-kawża FresQ jiġi estiż b'erba' snin;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li d-deċiżjoni tal-15 ta' Frar 2022 hija bbażata fuq il-preżunzjoni żbaljata li l-proċedura ta' rkupru għadha ma hijiex konkluża.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni tagħmel applikazzjoni żbaljata tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament Nru 1306/2013 għaliex hija tikkunsidra li l-qbiż tat-terminu ta' tmien snin għandu jiġu attribwit lir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi.

## Rikors ippreżentat fl-20 ta' April 2022 – Makhlouf vs Il-Kunsill

**(Kawża T-206/22)**

(2022/C 237/77)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Sara Makhlouf (Damasku, is-Sirja) (rappreżentanti: G. Karouni u K. Assogba, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lir-rikorrenti

  — id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/242 tal-21 ta' Frar 2022 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja u l-Anness I tagħha;

  — ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/237 tal-21 ta' Frar 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u l-Anness II tiegħu;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ħlas tas-somma ta' EUR 10 000 bħala danni b'kumpens għall-ħsarat kollha kkawżati;

— Skont l-Artikolu 134 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, kull parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż. Sara Makhlouf titlob li l-Kunsill ibati l-ispejjeż tiegħu stess kif ukoll dawk sostnuti minnha u dawk li hija tirriżerva d-dritt li tiġġustifika matul il-proċedura.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal smigħ xieraq. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tikkritika lill-Kunsill li kiser id-drittijiet tad-difiża tagħha b'mod partikolari dak tas-smigħ tagħha qabel id-deċiżjoni ta' inklużjoni ta' isimha fil-listi kontenzjużi.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni u assenza ta' prova. Ir-rikorrenti ssostni li l-allegazzjonijiet tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' "riskju inerenti li l-assi li ntirtu jintużaw biex jiġu appoġġati l-attivitajiet tar-reġim Sirjan u jidħlu direttament fil-pussess tar-reġim, potenzjalment jikkontribwixxu għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili" għandhom definittivament jiġu miċħuda sa fejn dawn huma infondati, u huma nieqsa minn kull bażi fattwali għas-sostenn tagħhom.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità fl-indħil fid-drittijiet fundamentali. Skont ir-rikorrenti, il-miżura kontenzjuża għandha tiġi invalidata peress li hija sproporzjonata fid-dawl tal-għan imfittex mill-atti kontenzjużi. L-isproporzjon jirriżulta b'mod partikolari mill-fatt li l-miżura tirrigwarda l-beni kollha tar-rikorrenti mingħajr ebda distinzjoni.

4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq ksur tad-dritt għall-proprjetà. Ir-rikorrenti ssostni li l-atti kkontestati jippreġudikaw inġustament id-dritt għall-proprjetà tar-rikorrenti sa fejn dawn jinkludu mingħajr distinzjoni l-beni li hija tista' tiret u kif ukoll il-beni personali tagħha.

5. Il-ħames motiv dwar it-talba għad-danni bħala kumpens għall-ħsarat sostnuti.

**Rikors ippreżentat fid-19 ta' April 2022 – Mhana vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-207/22)**

(2022/C 237/78)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Ghada Mhana (Damasku, is-Sirja) (rappreżentanti: G. Karouni u K. Assogba, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lir-rikorrenti

  — id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/242 tal-21 ta' Frar 2022 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja u l-Anness I tagħha;

  — ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/237 tal-21 ta' Frar 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u l-Anness II tiegħu;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ħlas tas-somma ta' EUR 10 000 bħala danni b'kumpens għall-ħsarat kollha kkawżati;

— Skont l-Artikolu 134 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, kull parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż. Ghada Mhana titlob li l-Kunsill ibati l-ispejjeż tiegħu stess kif ukoll dawk sostnuti minnha u dawk li hija tirriżerva d-dritt li tiġġustifika matul il-proċedura.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi li huma, essenzjalment, identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-206/22, Makhlouf vs Il-Kunsill.

---

## Rikors ippreżentat fid-19 ta' April 2022 – Makhlouf vs Il-Kunsill

## (Kawża T-208/22)

(2022/C 237/79)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Kinda Makhlouf (Varsavja, il-Polonja) (rappreżentanti: G. Karouni u K. Assogba, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lir-rikorrenti

  — id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/242 tal-21 ta' Frar 2022 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja u l-Anness I tagħha;

  — ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/237 tal-21 ta' Frar 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u l-Anness II tiegħu;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ħlas tas-somma ta' EUR 50 000 bħala danni b'kumpens għall-ħsarat kollha kkawżati;

Skont l-Artikolu 134 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, kull parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż. Kinda Makhlouf titlob li l-Kunsill ibati l-ispejjeż tiegħu stess kif ukoll dawk sostnuti minnha u dawk li hija tirriżerva d-dritt li tiġġustifika matul il-proċedura.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi li huma, essenzjalment, identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-206/22, Makhlouf vs Il-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fid-19 ta’ April 2022 – Makhlouf vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-209/22)**

(2022/C 237/80)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Shahla Makhlouf (Fiarfax, Virginie, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: G. Karouni u K. Assogba, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lir-rikorrenti

  — id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/242 tal-21 ta’ Frar 2022 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja u l-Anness I tagħha;

  — ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/237 tal-21 ta’ Frar 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u l-Anness II tiegħu;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ħlas tas-somma ta’ EUR 30,000 bħala kumpens għad-danni kollha flimkien;;

— Skont l-Artikolu 134 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż. Shahla Makhlouf titlob li l-Kunsill għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk li sostniet hi u li tirriżerva d-dritt li tiġġustifika matul il-proċedura.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi li huma, essenzjalment, identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-206/22, Makhlouf vs Il-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fil-21 ta’ April 2022 – Prigozhina vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-212/22)**

(2022/C 237/81)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Violetta Prigozhina (Saint Petersburg, ir-Russja) (rappreżentant: M. Cessieux, avukat)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara lil Violetta Prigozhina ammissibbli fir-rikors tagħha u;

f’dak li jikkonċerna lir-rikorrenti,

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/265 tat-23 ta’ Frar 2022, li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK ([1]);

— tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/60 tat-23 ta' Frar 2022, li jimplimenta r-Regolament (UE) 269/2014 ([2]);

— taqta' u tiddeċiedi li fi kwalunkwe każ, isem Violetta Prigozhina għandu jitneħħa mingħajr dewmien mill-atti kkontestati;

— tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż b'applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 91 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni. Ir-rikorrenti ssostni li l-Kunsill ma osservax l-obbligu ta' motivazzjoni tal-atti kkontestati billi ma ressaq ebda element preċiż ta' ġustifikazzjoni għall-inklużjoni ta' isem ir-rikorrenti fil-korp tad-deċiżjonijiet kkontestati, u lanqas sabiex tinftiehem il-loġika li tiġġustifika din l-inklużjoni.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq nuqqas ta' legalità fil-mertu. Ir-rikorrenti ssostni li l-motivazzjoni hija vvizjata bi żbalji fattwali li jċaħduha minn bażi suffiċjenti u li tinkludi żball manifest ta' evalwazzjoni. Ir-rikorrenti tikkontesta li hija attwalment marbuta mal-kumpannija Concord Management and Consulting Llc. Hija tikkontesta wkoll li binha jista' jkun marbut mal-Groupe Wagner, u li, fi kwalunkwe ipoteżi, ma jistax jiġi dedott b'mod validu mir-rabtiet ma' binha, li hija jista' jkun li pparteċipat fi kwalunkwe attakk fuq l-integrità territorjali tal-Ukraina.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-eżistenza ta' użu ħażin ta' poter. Skont ir-rikorrenti, l-għan vera tal-inklużjoni ta' isimha huwa fil-verità li jintlaħaq indirettament binha Yevgeniy Prigozhin.

4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-drittijiet fundamentali. Ir-rikorrenti ssostni li n-nuqqas ta' preċiżjoni tal-motivi għall-inklużjoni tagħha jċaħħadha milli tirrisponi għalihom b'mod utli.

5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-drittijiet fundamentali. Ir-rikorrenti ssostni li l-miżuri restrittivi applikati għaliha huma sproporzjonati sa fejn ma jippermettux li jintlaħaq l-għan intiż mill-Kunsill.

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/265 tat-23 ta' Frar 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2022, L 42 I, p. 98).

([2]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/260 tal-23 ta' Frar 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 (JO 2022, L 42 I, p. 3).

## Rikors ippreżentat fl-20 ta' April 2022 – Lifestyle Equities vs EUIPO – Greenwich Polo Club (GREENWICH POLO CLUB)

**(Kawża T-217/22)**

(2022/C 237/82)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Lifestyle Equities CV (Amstelveen, il-Pajjiżi Baxxi) (rappreżentant: S. Terpstra, lawyer)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Greenwich Polo Club, Inc. (Greenwich, Connecticut, l-Istati Uniti)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* Trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea "GREENWICH POLO CLUB" – Trade mark tal-Unjoni Nru 2 919 256

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-9 ta' Frar 2022 fil-Każ R 1063/2021-4

### Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

### Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

---

## Rikors ippreżentat fil-21 ta' April 2022 – Roxtec vs EUIPO – Wallmax (Rappreżentazzjoni ta' kwadru blu li fih tmien ċirki konċentriċi suwed)

## (Kawża T-218/22)

(2022/C 237/83)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Roxtec AB (Karlskrona, l-Isvezja) (rappreżentanti: J. Olsson u J. Adamsson, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Wallmax Srl (Milano, l-Italja)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea (Rappreżentazzjoni ta' kwadru blu li fih tmien ċirki konċentriċi suwed) – Trade mark tal-Unjoni Nru 7 376 023

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' kanċellazzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-10 ta' Frar 2022 fil-Każ R 1093/2021-2

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tibgħat il-kawża lura quddiem it-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO għal kunsiderazzjoni mill-ġdid; jew

— tibdel id-deċiżjoni kkontestata billi tneħħi l-aħħar sentenza tal-paragrafu 31 mid-deċiżjoni; u

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

### Motivi invokati

— Ksur tal-Artikolu 94 tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fit-22 ta' April 2022 – Wallmax vs EUIPO – Roxtec (Rappreżentazzjoni ta' kwadru blu li fih tmien ċirki konċentriċi suwed)**

**(Kawża T-219/22)**

(2022/C 237/84)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

## Partijiet

*Rikorrent:* Wallmax Srl (Milan, l-Italja) (rappreżentanti: F. Ferrari, L. Goglia u G. Rapaccini, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Roxtec AB (Karlskrona, l-Isvezja)

## Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea (Rappreżentazzjoni ta' kwadru blu li fih tmien ċirki konċentriċi suwed) – Trade mark tal-Unjoni Nru 7 376 023

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' kanċellazzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-10 ta' Frar 2022 fil-Każ R 1093/2021-2

## Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla parzjalment id-deċiżjoni kkontestata, fil-parti fejn it-Tieni Bord tal-Appell isostni li t-trade mark kontenzjuża ma hijiex invalida skont l-Artikolu 7(1)(e)(ii) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-oġġetti segwenti: Klassi 6 – Materjal li jisiġilla tal-metall għall-kejbils u għall-pajpijiet; frejms li jissiġillaw tal-metall; Klassi 17 – Frejms li jissiġillaw tal-plastik jew tal-gomma; Klassi 19 – Pajpijiet riġidi mhux tal-metall għall-bini; Frejms li jissiġillaw mhux tal-metall;

— tannulla parzjalment id-deċiżjoni kkontestata, fil-parti fejn it-Tieni Bord tal-Appell annulla d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni fir-rigward tad-deċiżjoni dwar l-ispejjeż;

— konsegwentement, tilqa' d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tat-23 ta' April 2021;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

## Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(e)(ii) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fil-25 ta' April 2022 – CiviBank vs BĊE**

**(Kawża T-220/22)**

(2022/C 237/85)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

## Partijiet

*Rikorrent:* Banca di Cividale SpA – Società Benefit (CiviBank) (Cividale del Friuli, l-Italia) (rappreżentanti: M. Merola, A. Cassano u A. Cogoni, avukati)

*Konvenut:* Il-Bank Ċentrali Ewropew

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla, fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, id-deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) (ECB-SSM-2022-IT-7 (QLF-2021-0155) tat-23 ta' Marzu 2022 (li tinsab f'att uniku jew f'divers atti), li permezz tagħha l-Bank Ċentrali Ewropew awtorizza lil Banca Sparkasse u lil Fondazione Sparkasse sabiex (i) jixtru u jżommu sehem ikkwalifikat ogħla minn 10 % tal-kapital u tad-drittijiet tal-vot ta' CiviBank; u ii) sabiex jinqabeż l-imsemmi livell u jinxtara direttament sehem ta' kontroll fil-kapital ta' CiviBank, wara u permezz tal-offerti pubbliċi ta' xiri volontarji u totali stabbiliti fis-suq fid-9 ta' Diċembru 2021 fis-sens tal-Artikoli 4 u 6 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 ([1]) tal-15 ta' Ottubru 2013, tal-Artikoli 19, 22, 53 u 67 tat-Testo Unico Bancario u tad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni relatati miegħu;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 23 tad-Direttiva 2013/3/UE kif ukoll fuq il-ksur tal-Artikolu 86 tar-Regolament (UE) Nru 468/2014, tal-Artikolu 49 TFUE u tal-prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni ta' nondiskriminazzjoni, fl-evalwazzjoni ta' kwalità tax-xerrej.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata u, konsegwentement, bil-ksur tal-Artikolu 296 TFUE, tad-drittijiet tad-difiża ggarantiti mill-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u tal-prinċipji ġenerali ta' dritt korrispondenti li jirriżultaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU 2013, L 287, p. 63).

---

**Rikors ippreżentat fil-25 ta' April 2022 – Pharmaselect International vs EUIPO – OmniActive Health Technologies (LUTAMAX)**

**(Kawża T-221/22)**

(2022/C 237/86)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Pharmaselect International Beteiligungs GmbH (Vjenna, l-Awstrija) (rappreżentanti: S. Jackermeier u D. Wiedemann, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* OmniActive Health Technologies Ltd (Mumbai, l-Indja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni "LUTAMAX" – Trade mark tal-Unjoni Nru 3 472 974

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' kanċellazzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-24 ta' Frar 2022 fil-Kawżi magħquda R 524/2021-1 u R 649/2021-1

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tordna li t-trade mark tal-Unjoni Nru 3 472 974 "LUTAMAX" tibqa' irreġistrata għall-prodotti li ġejjin:

Klassi 5: Mediċini għall-użu mill-bniedem u mill-annimali; Sustanzi djetetiċi adattati għal użu mediku; Supplimenti djetetiċi adattati għal użu mediku jew użu djetetiku; Preparazzjonijiet tal-vitamini adattati għal użu mediku jew użu djetetiku; Preparazzjonijiet għal kura tal-għajnejn (għal skopijiet farmaċewtiċi); l-ebda mill-prodotti hawn fuq imsemmija għal skopijiet veterinarji;

Klassi 29: Prodotti tal-ikel djetetiċi u supplimenti tal-ikel, mhux adattati għal użu mediku (inklużi fil-klassi 29); Żjut u xaħmijiet għall-ikel;

Klassi 30: Prodotti tal-ikel djetetiċi u supplimenti tal-ikel, mhux adattati għal użu mediku (inklużi fil-klassi 30);

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

### Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

## Rikors ippreżentat fit-22 ta April 2022 – Engineering – Ingegneria Informatica vs Il-Kummissjoni u REA

## (Kawża T-222/22)

(2022/C 237/87)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Engineering – Ingegneria Informatica SpA (Ruma, l-Italja) (rappreżentanti: S. Villata, L. Montevecchi u C. Oncia, avukati)

*Konvenuti:* Il-Kummissjoni Ewropea, L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— Tiddikjara nulli, illegali jew ineffettivi, jew tannulla: a) l-ittra intitolata "Letter of Conclusion – ref. Ares (2021) 7900224 –" tal-21 ta' Diċembru 2021 tal-Kummissjoni Ewropea (Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Direttorat H – Ċentru Komuni ta' Implimentazzjoni H.2 – Common Audit Service) – ref. CAIA389007; b) ir-Rapport Finali ta' Awditjar annessa mal-Letter of Conclusion Ares (2021) 7900224; c) l-"Ittra ta' Konferma tal-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka (REA) REA.C – Future Society C.2 – Secure Society tat-23 ta' Frar 2022" (Ittra ta' talba); in-nota ta' debitu tal- Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka Nru 324220269 tat-23 ta' Frar 2022 (Nota ta' debitu);

— Tiddikjara ammissibbli l-ispejjeż li ġew esklużi mill-"Ispejjeż Eliġibbli" abbażi tal-Grant Agreement Dogana u b'konsegwenza ta' dan tikkonstata d-dritt ta' Engineering li dawn l-ispejjeż jittieħdu inkunsiderazzjoni għad-determinazzjoni tal-ammont globali tas-sussidju previst fl-imsemmi kuntratt u, f'kull każ, tikkonstata li l-Kummissjoni ma għandhiex id-dritt li tirkupra dawn is-somom;

— Tikkundanna lill-konvenuti għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq applikazzjoni żbaljata, mill-Kummissjoni u mill- Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka, ta' dak li ġie miftiehem fil-Grant Agreement bejn ir-rikorrenti u l-imsemmija aġenzija.

— F’dan ir-rigward qed jiġi sostnut li l-Ittra ta’ talba u n-Nota ta’ debitu huma bbażati fuq ir-riżultati ta’ awditu tal-Kummissjoni Ewropea li illegalment eskluda mill-ispejjeż ammissibbli skont il-Grant Agreement li għalih kienet parti r-rikorrenti, għall-finijiet li tibbenefika mis-sussidji previsti fih, il-bonuses mogħtija lill-impjegati abbażi tal-għanijiet ġenerali.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-aspettattivi leġittimi tar-rikorrenti.

— F’dan ir-rigward qed jiġi sostnut li fil-kuntest tal-iskemi preċedenti ta’ sussidju li għalihom kienet parti r-rikorrenti (b’mod partikolari, is-“7th Framework Programme”), l-iskema ta’ remunerazzjoni eskluża permezz tal-atti kkontestati, għalkemm kienet is-suġġett ta’ eżami min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea, kienet ġiet aċċettata mingħajr riżervi.

— Il-bdil ta’ pożizzjoni mingħajr motivazzjoni tal-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka fir-rigward tal-ammissibbiltà tal-bonuses għalhekk jammonta għal ksur tal-prinċipju ta’ aspettattivi leġittimi, li ġie kkonfermat diversi drabi mill-Qorti tal-Ġustizzja u mill-Qorti Ġenerali.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tal-Grant Agreement “Dogana” u tal-klawżola kuntrattwali inkwistjoni, sa fejn ġew esklużi spejjeż li fid-dawl tal-kontenut testwali tal-kuntratt innifsu kienu ammissibbli, għar-raġunijiet esposti fil-kuntest tal-ewwel motiv.

---

**Rikors ippreżentat fis-27 ta’ April 2022 – Casablanca Clothing vs EUIPO – Adrien (CASABLANCA TENNIS CLUB)**

**(Kawża T-228/22)**

(2022/C 237/88)

*Lingwa tar-rikors: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Casablanca Clothing Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: A. Cléry u C. Devernay, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Adrien SARL (Marseille, Franza)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* ir-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark li tindika l-Unjoni Ewropea CASABLANCA TENNIS CLUB – Reġistrazzjoni internazzjonali Nru 1 471 645 li tindika l-Unjoni

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-22 ta’ Frar 2022 fil-Każ R 1186/2021-5

**Talbiet**

Ir-rikorrent titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tordna r-reġistrazzjoni tal-parti Ewropea tat-trade mark internazzjonali CASABLANCA TENNIS CLUB Nru 1 471 645;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż sostnuti quddiem il-Bord tal-Appell.

**Motiv invokat**

Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fit-28 ta' April 2022 – Growth Finance Plus vs EUIPO (doglover)**

**(Kawża T-231/22)**

(2022/C 237/89)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Growth Finance Plus AG (Gommiswald, l-Isvizzera) (rappreżentant: H. Twelmeier, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* ir-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea doglover – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 107 487

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Frar 2022 fil-Każ R 720/2020-5

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fit-28 ta' April 2022 – Growth Finance Plus vs EUIPO (catlover)**

**(Kawża T-232/22)**

(2022/C 237/90)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Growth Finance Plus AG (Gommiswald, l-Isvizzera) (rappreżentant: H. Twelmeier, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* ir-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea catlover – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 107 485

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-7 ta' Frar 2022 fil-Każ R 717/2020-5

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fit-28 ta' April 2022 – Islentyeva vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-233/22)**

(2022/C 237/91)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Ekaterina Islentyeva (Strassen, il-Lussemburgu) (rappreżentant: F. Moyse, avukat)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara ammissibbli dan ir-rikors għal annullament ippreżentat abbażi tal-Artikolu 263 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

— fir-rigward tal-mertu, tannulla d-Deċiżjoni (PESK) 2022/335 (ĠU 2022, L 57, p. 4) tat-28 ta' Frar 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU 2014, L 229, p. 13) u, min-naħa l-oħra, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/334 (ĠU 2022, L 57, p. 1) li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna;

— sussidjarjament, tannulla d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-atti kkontestati;

— għaldaqstant, tirrikonoxxi lil Ekaterina Islentyeva d-dritt li tuża l-liċenzja ta' bdot privat tagħha u titlaq, ittir u tinżel fit-territorju tal-Unjoni Ewropea;

— fi kwalunkwe każ, tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni prevista fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE u fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Ir-rikorrenti ssostni f'dan ir-rigward, li f'dan il-każ, l-atti kkontestati ma jindikawx b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament tal-istituzzjoni, l-awtur tal-att, fatt li ma jippermettilhiex li tkun taf il-ġustifikazzjonijiet tal-miżura adottata u jipprekludi lill-qorti kompetenti teżerċita l-istħarriġ tagħha.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Ir-rikorrenti ssostni li l-miżuri restrittivi li jipprojbixxu l-użu tal-liċenzja tagħhom ta' bdot privat tal-ajruplan minn kull ċittadin Ewropew li jkun, barra minn hekk, ċittadin Russu huma sproporzjonati u mhux neċessarji fid-dawl tal-għanijiet li jridu jintlaħqu.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 2, 3 u 21 TUE. Ir-rikorrenti tqis li l-miżuri adottati ma humiex kompatibbli mal-valuri tal-Istat tad-dritt u mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.

4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 20 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikolu 18 TFUE. Ir-rikorrenti, li għandha nazzjonalità doppja tar-Russja u tal-Lussemburgu, tqis li hija suġġett għal diskriminazzjoni sa fejn, minn naħa, hija ttrattata b'mod differenti minn ċittadini Ewropej oħra li jkomplu jgawdu mid-dritt li jużaw il-liċenzja ta' bdot tagħhom u, min-naħa l-oħra, hija ttrattata bl-istess mod bħaċ-ċittadini Russi l-oħra, filwaqt li hija tinsab f'sitwazzjoni differenti.

5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 45 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Ir-rikorrenti ssostni li l-miżuri restrittivi li hija suġġett għalihom jippreklud uha milli tgawdi mill-moviment liberu tal-persuni sa fejn hija pprojbita milli ttir fit-territorju ta' Franza, tal-Ġermanja jew tal-Belġju.

**Rikors ippreżentat fid-29 ta’ April 2022 – Ismailova vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-234/22)**

(2022/C 237/92)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Gulbakhor Ismailova (Tachkent, l-Użbekistan) (rappreżentant: J. Grand d’Esnon, avukat)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— prinċipalment, tannulla:

  — id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/582 tat-8 ta’ April 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta’ azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna [1], sa fejn din tirrigwarda lil G. Ismailova;

  — ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/581 tat-8 ta’ April 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta’ azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna [2], sa fejn dan jirrigwarda lil G. Ismailova;

  — id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/329 tal-25 ta’ Frar 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta’ azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna [3];

  — ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/330 tal-25 ta’ Frar 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta’ azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna [4].

— sussidjarjament, tannulla:

  — id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/582 tat-8 ta’ April 2022, sa fejn din tirrigwarda lil G. Ismailova;

  — ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/581 tat-8 ta’ April 2022, sa fejn dan jirrigwarda lil G. Ismailova;

  — il-paragrafi (f) u (g) tal-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/329 tal-25 ta’ Frar 2022;

  — il-paragrafi (f) u (g) tal-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/330 tal-25 ta’ Frar 2022.

— u f’kull każ tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jħallas lill-G. Ismailova s-somma ta’ EUR 20 000 b’applikazzjoni tal-Artikolu 140 (b) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali bħala spejjeż li hija kellha ssostni sabiex tiddefendi l-interessi tagħha.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha r-rikorrenti tinvoka tmien motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-illegalità tal-kriterji l-ġodda ddefiniti mill-Kunsill u espressi permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2022/329/PESK tal-25 ta’ Frar 2022 u permezz tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/330 du Conseil tal-25 ta’ Frar 2022.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-illegalità tal-inklużjoni tar-rikorrenti sa fejn din hija bbażata fuq kriterji illegali.

4. Ir-raba’ motiv ibbażat fuq l-illegalità tal-inklużjoni tar-rikorrenti fl-assenza li jiġi pprovat il-kriterju fundamentali ta’ sostenn, min-naħa tal-persuna kkonċernata, għall-gwerra attwali fl-Ukraina.

5. Il-ħames motiv ibbażat fuq l-illegalità tal-inklużjoni tar-rikorrenti sa fejn il-Kunsill ma josservax l-obbligu ta’ motivazzjoni u l-oneru tal-prova tal-Kunsill.

6. Is-sitt motiv ibbażat fuq l-illegalità tal-inklużjoni tar-rikorrenti fl-assenza ta' fondatezza tar-raġunijiet imsemmija mill-Kunsill.

7. Is-seba' motiv ibbażat fuq il-ksur tad-dritt għall-proprjetà tar-rikorrenti.

8. It-tmien motiv ibbażat fuq ksur tal-libertà ta' intrapriża u tal-libertà li tiġi u tmur tar-rikorrenti.

(1) ĠU 2022, L 59, p. 1.
(2) ĠU 2022, L 58, p. 1.
(3) ĠU 2022, L 50, p. 1.
(4) ĠU 2022, L 51, p. 1.

---

**Rikors ippreżentat fid-29 ta' April 2022 – Russian Direct Investment Fund vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-235/22)**

(2022/C 237/93)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Russian Direct Investment Fund (Moska, ir-Russja) (rappreżentanti: K. Scordis u A. Gavrielides, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— skont l-Artikolu 263 TFUE, tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/346 tal-1 ta' Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna [1] (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni kkontestata"), u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/345 tal-1 ta' Marzu 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna [2] (iktar 'il quddiem ir-"Regolament ikkontestat", u flimkien l-"atti kkontestati") sa fejn isemmu jew jikkonċernaw lir-rikorrent jew japplikaw fil-konfront tiegħu;

— sussidjarjament, skont l-Artikolu 277 TFUE, tikkonstata l-inapplikabbiltà u/jew in-nullità, minħabba l-illegalità tagħhom, tal-Artikolu 4b(3) u (4) tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK (kif emendata) u tal-Artikolu 2e(3) u (4) tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 (kif emendat), sa fejn isemmu jew jikkonċernaw lir-rikorrent jew japplikaw fil-konfront tiegħu, u tannulla d-Deċiżjoni kkontestata u r-Regolament ikkontestat sa fejn isemmu jew jikkonċernaw lir-rikorrent jew japplikaw fil-konfront tiegħu.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-assenza ta' "bażi fattwali suffiċjentement solida" sabiex jiġu imposti miżuri restrittivi li jirrigwardaw lir-rikorrent.

   Il-Kunsill naqas manifestament milli josserva l-obbligu tiegħu li jiżgura li d-deċiżjoni li jiġu imposti l-miżuri restrittivi relatati mar-rikorrent jew mal-involviment jew mal-kooperazzjoni miegħu tiġi adottata fuq "bażi fattwali suffiċjentement solida".

2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tad-drittijiet fundamentali tad-difiża u tal-protezzjoni ġudizzjarja effettiva tar-rikorrent.

   Billi adotta l-atti kkontestati, il-Kunsill kiser id-drittijiet tad-difiża u l-protezzjoni ġudizzjarja effettiva tar-rikorrenti, sa fejn:

   — l-atti kkontestati ġew adottati mingħajr ma r-rikorrent ġie nnotifikat, la qabel l-adozzjoni tagħhom u lanqas f'terminu raġonevoli wara tali adozzjoni;

   — ir-rikorrent qatt ma rċieva lanqas sunt tar-raġunijiet li wasslu għall-adozzjoni tal-atti kkontestati (sa fejn jikkonċernaw lir-rikorrent jew japplikaw fil-konfront tiegħu);

   — il-konvenut qatt ma kkomunika lir-rikorrent il-provi li fuqhom huwa bbaża ruħu sabiex jadotta l-atti kkontestati u qatt ma ta lir-rikorrent l-opportunità li jippreżenta osservazzjonijiet u li jiddefendi d-drittijiet tiegħu.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur fil-forma ta' restrizzjoni sproporzjonata tad-dritt fundamentali tar-rikorrent għal-libertà ta' intrapriża.

   Billi adotta l-atti kkontestati, il-Kunsill kiser id-dritt fundamentali għal-libertà ta' intrapriża tar-rikorrent, sa fejn:

   — l-atti kkontestati jirrestrinġu b'mod sinjifikattiv il-libertà ta' intrapriża tar-rikorrent;

   — l-atti kkontestati jiksru s-sustanza tad-dritt fundamentali stabbilit fl-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

   — in-nuqqas ta' osservanza mill-Kunsill tal-obbligi legali tiegħu (b'mod partikolari l-obbligu ta' motivazzjoni u dak li jikkomunika l-provi li fuqhom huma bbażati l-atti kkontestati) jagħmilha impossibbli għall-Qorti tal-Ġustizzja li tevalwa u li tiddetermina jekk il-miżuri restrittivi rilevanti humiex: a) neċessarji u jekk jilħqux verament l-għanijiet ta' interess ġenerali mfittxija; u b) proporzjonali għall-għan imfittex;

   — fi kwalunkwe każ, il-miżuri inkwistjoni ma humiex neċessarji u ma jilħqux verament l-għan imfittex, sa fejn l-attivitajiet tar-rikorrent u l-proġetti kofinanzjati minnu ma jikkontribwixxux għall-"aggressjoni militari kontra l-Ukraina" u ma jiffinanzjawx, ma jippermettux jew ma jappoġġjawx l-azzjonijiet tal-forzi armati Russi fl-Ukraina.

(1) ĠU 2022, L 63, p. 5
(2) ĠU 2022, L 63, p. 1.

---

**Rikors ippreżentat fit-28 ta' April 2022 – Intel Corporation vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-236/22)**

(2022/C 237/94)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Inter Corporation Inc. (Wilmington, Delaware, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: D. Beard, J. Williams, Barristers-at-law u B. Meyring, avukat)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

a. tikkundanna lill-Kummissjoni tħallas kumpens ta' EUR 593 177 661,75, li jikkorrispondi għal: interessi moratorji fuq l-ammont prinċipali ta' EUR 1 060 000 000 bir-rata ta' finanzjament mill-ġdid tal-BĊE applikabbli fl-ewwel jum tal-kalendarju tax-xahar li fih ġiet adottata d-Deċiżjoni C(2009) 3726 finali tat-13 ta' Mejju 2009 (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni), (jiġifieri 1,25 %), miżjuda bi 3,5 punti perċentwali (jew, fin-nuqqas ta' dan, b'rata tal-interessi meqjusa xierqa mill-Qorti tal-Ġustizzja), għall-perijodu mit-13 ta' Awwissu 2009 (id-data tal-ħlas provviżorju tal-multa minn Intel) sal-25 ta' Frar 2022 (id-data tal-ħlas lura tal-ammont prinċipali tal-multa mill-Kummissjoni), u mnaqqas bl-ammont ta' interessi diġà mħallas lil Intel mill-Kummissjoni ta' EUR 38 059 598,52;

b. tikkundanna lill-Kummissjoni tħallas l-interessi fuq l-ammont mitlub fil-punt (a) iktar 'il fuq għall-perijodu mill-25 ta' Frar 2022 (id-data tal-ħlas lura tal-ammont prinċipali tal-multa mill-Kummissjoni), jew, sussidjarjament, mit-28 ta' April 2022 (id-data ta' dan ir-rikors), jew, iktar sussidjarjament, mid-data tal-għoti tas-sentenza f'din il-kawża, sad-data li fiha l-Kummissjoni effettivament tħallas l-ammont abbażi ta' sentenza li tilqa' dan ir-rikors, bir-rata tal-interessi applikata mill-BĊE għall-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-ġdid miżjuda bi 3,5 punti perċentwali jew, fin-nuqqas ta' dan, b'rata tal-interessi meqjusa xierqa mill-Qorti tal-Ġustizzja;

c. barra minn hekk, jew sussidjarjament:

i tannulla kwalunkwe deċiżjoni tal-Kummissjoni, inkluż kwalunkwe deċiżjoni li tinsab fil-posta elettronika tal-Kummissjoni tal-1 ta' Marzu 2022, li tirrifjuta r-rimbors tal-interessi moratorji u tordnalha li tagħmel dan bl-istess ammonti mitluba fil-punti (a) u (b) iktar 'il fuq; jew

ii sussidjarjament, tiddikjara li l-Kummissjoni aġixxiet b'mod illegali billi naqset milli tħallas lil Intel l-interessi moratorji fuq l-ammont prinċipali ta' multa rrimborsata b'segwitu għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2009) 3726 finali tat-13 ta' Mejju 2009 fil-Kawża COMP/C3/37.990 Intel, u tordnalha tagħmel dan bl-istess ammonti mitluba fil-punti (a) u (b) iktar 'il fuq.

d. fi kwalunkwe każ, tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż sostnuti minn Intel fil-kuntest ta' din il-proċedura.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv, abbażi tal-Artikolu 268 TFUE moqri flimkien mal-Artikolu 340(2) TFUE u l-Artikolu 41(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, ir-rikorrenti titlob il-ħlas ta' kumpens u tal-interessi riżultanti għad-dannu sostnut minħabba r-rifjut tal-Kummissjoni Ewropea li tħallas interessi moratorji lil Intel fuq l-ammont prinċipali ta' multa rrimborsata wara l-annullament, permezz tas-sentenza T-286/09 RENV, ECLI:EU:T:2022:19, tal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 3726 finali tat-13 ta' Mejju 2009 fil-Każ COMP/C-3/37.990 Intel. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tinvoka l-ħtieġa li jittieħdu l-miżuri neċessarji sabiex wieħed jikkonforma mal-annullament ta' multa skont l-Artikolu 266 TFUE, li tinkludi l-ħlas tal-interessi moratorji.

2. It-tieni motiv, barra minn hekk jew sussidjarjament, abbażi tal-Artikolu 263 TFUE r-rikorrenti titlob l-annullament ta' kwalunkwe deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta r-rimbors tal-interessi moratorji, bir-rata msemmija iktar 'il fuq, għar-raġuni li din tmur kontra l-Artikolu 266 TFUE.

3. It-tielet motiv, abbażi tal-Artikolu 265 TFUE iktar sussidjarjament, inkwantu l-Kummissjoni ma adottax pożizzjoni finali (minkejja talbiet mir-rikorrenti), ir-rikorrenti titlob dikjarazzjoni li l-Kummissjoni aġixxiet b'mod illegali billi naqset milli tħallas lil Intel l-imsemmija interessi moratorji skont l-Artikolu 266 TFUE, u titlob li jiġi ordnat li l-Kummissjoni Ewropea tħallas l-interessi moratorji bir-rata msemmija iktar 'il fuq.

4. Strettament sussidjarjament, ir-rikorrenti ssostni li kwalunkwe interpretazzjoni kuntrarja tar-Regolament(i) tal-2002, tal-2012 u/jew tal-2018 li tkun teskludi l-ħlas ta' interessi moratorji skont l-Artikolu 266 TFUE, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja u mill-Qorti Ġenerali, ikollha l-konsegwenza li d-dispożizzjonijiet rilevanti jkunu jmorru kontra d-dritt primarju tal-Unjoni. F'dawk iċ-ċirkustanzi, ir-rikorrenti tqajjem eċċezzjoni ta' illegalità sussidjarja skont l-Artikolu 266 TFUE u l-Artikolu 267 TFUE fuq bażi sussidjarja u kontinġenti.

**Rikors ippreżentat fid-29 ta’ April 2022 – Cherusci vs EUIPO – LexDellmeier (RIALTO)**

**(Kawża T-239/22)**

(2022/C 237/95)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Cherusci Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentant: G. Donath, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* LexDellmeier Intellectual Property Law Firm (München, il-Ġermanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea RIALTO – Trade mark tal-Unjoni Nru 11 706 546

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-10 ta’ Frar 2022 fil-Każ R 695/2021-2

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 94 tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fit-3 ta’ Mejju 2022 – OmniActive Health Technologies vs EUIPO – Pharmaselect International (LUTAMAX)**

**(Kawża T-242/22)**

(2022/C 237/96)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* OmniActive Health Technologies Ltd (Mumbai, Indja) (rappreżentanti: M. Hawkins, T. Dolde u C. Zimmer, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Pharmaselect International Beteiligungs GmbH (Vjenna, l-Awstrija)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni "LUTAMAX" – Trade mark tal-Unjoni Nru 3 472 974

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' kanċellazzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-24 ta' Frar 2022 fil-Kawżi magħquda R 524/2021-1 u R 649/2021-1

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla parzjalment d-deċiżjoni kkontestata sa fejn din ordnat EUTM No 3472974 LUTAMAX tibqa' fuq ir-reġistru għal "Supplimenti djetetiċi adattati għal użu mediku jew użu djetetiku għas-sostenn tas-saħħa tal-għajnejn, l-ebda mill-prodotti hawn fuq imsemmija għal skopijiet veterinarji";

— tikkundanna lill-konvenut u/jew lill-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell għall-ispejjeż (fil-każ li tintervjeni fil-proċeduri).

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 94(1) tar Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 58(1)(a) tar Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 58(2) tar Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

## Rikors ippreżentat fl-4 ta' Mejju 2022 – PGTEX Morocco vs Il-Kummissjoni

## (Kawża T-245/22)

(2022/C 237/97)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* PGTEX Morocco (Tanger, il-Marokk) (rappreżentanti: P. Vander Schueren u T. Martin-Brieu, avukati)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara l-azzjoni ammissibbli;

— tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/302 tal-24 ta' Frar 2022 li jestendi d-dazju antidumping definittiv impost bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/492, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/776 fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti materjali tal-fibra tal-ħġieġ minsuġa u/jew meħjuta ("GFF") li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("ir-RPĊ") għall-importazzjonijiet ta' GFF ikkonsenjati mill-Marokk, sew jekk humiex iddikjarati li joriġinaw mill-Marokk jew le, u li jtemm l-investigazzjoni dwar iċ-ċirkomvenzjoni possibbli tal-miżuri antidumping imposti bir-Regolament (UE) 2020/492 fuq l-importazzjonijiet ta' GFF li joriġinaw fl-Eġittu minn importazzjonijiet ta' GFF ikkonsenjati mill-Marokk, sew jekk humiex iddikjarati li joriġinaw mill-Marokk jew le [1] (iktar 'il quddiem ir-"regolament ikkontestat"), sa fejn dan japplika għar-rikorrenti; u

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż inkorsi mir-rikorrenti relatati ma' dawn il-proċeduri.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenuta aġixxiet bi ksur tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-Artikolu 22 tar-Regolament Bażiku u r-regolament ikkontestat huwa vvizzjat b'abbuż ta' poter peress li dan jimponi miżuri antidumping kontra l-GFF ta' oriġini Marokkina preferenzjali esportati mir-rikorrenti mingħajr ma ddeterminat li l-importazzjonijiet kienu s-suġġett ta' "dumping" skont l-Artikolu VI tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) u mingħajr tali miżuri ma huma konsistenti mal-Ftehim dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu VI tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ ("ADA").

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenuta naqset milli tagħti motivazzjoni, kiser id-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti, kisret id-dritt għal amministrazzjoni tajba, wettqet żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u aġixxiet bi ksur tal-Artikolu 18(1) u l-Artikolu 18(3) tar-Regolament Bażiku billi applikat fatti disponibbli kontra r-rikorrenti.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenuta wettqet żbalji manifesti ta' evalwazzjoni, aġixxiet bi ksur tad-dritt għal amministrazzjoni tajba u bi ksur tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament Bażiku billi qieset li ma kienx hemm raġuni valida biżżejjed jew ġustifikazzjoni ekonomika għall-istabbiliment tar-rikorrenti; u

4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenuta wettqet żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u aġixxiet bi ksur tad-dritt għal amministrazzjoni tajba, il-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u ta' ugwaljanza fit-trattament u l-Artikoli 13(1) u 13(2) tar-Regolament Bażiku billi bbażat ruħha fuq il-konstatazzjoni li l-proċess ta' manifattura mwettaq fil-Marokk jikkostitwixxi "operazzjoni ta' assemblaġġ".

---

([1]) ĠU 2022, L 46, p. 49.

---

**Rikors ippreżentat fl-4 ta' Mejju 2022 – PGTEX Morocco vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-246/22)**

(2022/C 237/98)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* PGTEX Morocco (Tanger, il-Marokk) (rappreżentanti: P. Vander Schueren u T. Martin-Brieu, avukati)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara r-rikors ammissibbli;

— tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/301 tal-24 ta' Frar 2022 li jestendi d-dazju kumpensatorju definittiv impost bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/776 fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti materjali tal-fibra tal-ħġieġ minsuġa u/jew meħjuta ("GFF") li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("ir-RPĊ") għall-importazzjonijiet ta' GFF ikkonsenjati mill-Marokk, sew jekk humiex iddikjarati li joriġinaw mill-Marokk jew le, u li jtemm l-investigazzjoni dwar iċ-ċirkomvenzjoni possibbli tal-miżuri kumpensatorji imposti bir-Regolament (UE) 2020/776 fuq l-importazzjonijiet ta' GFF li joriġinaw fl-Eġittu minn importazzjonijiet ta' GFF ikkonsenjati mill-Marokk, sew jekk humiex iddikjarati li joriġinaw mill-Marokk jew le ([1]) (iktar 'il quddiem ir-"regolament ikkontestat"), sa fejn dan japplika għar-rikorrenti; u

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż inkorsi mir-rikorrenti relatati ma' dawn il-proċeduri.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenuta aġixxiet bi ksur tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra (il-"Ftehim ta' Assoċjazzjoni"), aġixxiet bi ksur tal-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2016/1037 (ir-"Regolament Bażiku") u wettqet abbuż ta' poter billi imponiet dazji kumpensatorji mingħajr ma ħadet inkunsiderazzjoni l-GFF ta' oriġini Marokkina preferenzjali esportati mir-rikorrenti.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenuta naqset milli tagħti motivazzjoni, kisret id-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti, kisret id-dritt għal amministrazzjoni tajba, wettqet żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u aġixxiet bi ksur tal-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 28(3) tar-Regolament Bażiku billi applikat fatti disponibbli kontra r-rikorrenti.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenuta wettqet żbalji manifesti ta' evalwazzjoni, aġixxiet bi ksur tad-dritt għal amministrazzjoni tajba u bi ksur tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament Bażiku billi qieset li ma kienx hemm raġuni valida biżżejjed jew ġustifikazzjoni ekonomika għall-istabbiliment tar-rikorrenti; u

4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenuta wettqet żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u aġixxiet bi ksur tad-dritt għal amministrazzjoni tajba, tal-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u ta' ugwaljanza fit-trattament u tal-Artikolu 23(3) tar-Regolament Bażiku billi bbażat ruħha fuq il-konstatazzjoni li l-proċess ta' manifattura mwettaq fil-Marokk jikkostitwixxi "operazzjoni ta' assemblaġġ", u

5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenuta wettqet żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u aġixxiet bi ksur tal-Artikolu 23(3) ta-Regolament bażiku antidumping billi qieset li l-GFF tar-rikorrenti għadhom jibbenefikaw minn sussidji mogħtija lill-produtturi Ċiniżi ta' GFF.

(1) ĠU 2022, L 46, p. 31.

---

**Rikors ippreżentat fid-9 ta' Mejju 2022 – Groschopp vs EUIPO (Sustainability through Quality)**

**(Kawża T-253/22)**

(2022/C 237/99)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Groschopp AG Drives & More (Viersen, il-Ġermanja) (rappreżentant: R. Schiffer, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea Sustainability through – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 158 368

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-1 ta' Marzu 2022 fil-Każ R 1076/2020-5

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT